**Parlament Ewropew**
2014 - 2019

*Dokument ta' sessjoni*

**A8-0217/2015**

26.6.2015

# RAPPORT

dwar il-mandat għat-trilogu dwar l-abbozz ta' baġit 2016
(2015/2074(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: José Manuel Fernandes

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ....................................... 3

ANNESS I: DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR ID-DATI GĦALL-PROĊEDURA BAĠITARJA U MODALITAJIET GĦALL-FUNZJONAMENT TAL-KUMITAT TA' KONĊILJAZZJONI FL-2015 ........................................ 14

ANNESS II: DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR PJAN TA' PAGAMENT 2015-2016 ........ 15

ANNEX TO THE ANNEX II: ELEMENTS FOR A PAYMENT PLAN TO BRING THE EU BUDGET BACK ONTO A SUSTAINABLE TRACK ........................................ 17

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP ........................................ 59

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJIET SOĊJALI ........................ 63

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL ........................................ 68

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA .................. 72

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR ........ 76

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI ........................................ 80

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI ...................... 84

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SAJD ........................................ 89

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI ...................................... 93

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI ........................................ 98

ANNESS: ITTRA MILL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN ........................................ 107

ANNESS: ITTRA MILL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET KOSTITUZZJONALI ................... 109

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT ........................................ 111

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-mandat għat-trilogu dwar l-abbozz ta' baġit 2016**
**(2015/2074(BUD))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikoli 312 u 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016, adottat mill-Kummissjoni fil-xx ta' Ġunju 2015 (COM(2015)0000),

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002[2],

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[3],

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2015 dwar il-linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2016, Taqsima III – Il-Kummissjoni[5],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Frar 2015 dwar il-linji gwida baġitarji għall-2016,

– wara li kkunsidra t-Titolu II, Kapitolu 8, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-ittri mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, mill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u mill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjonijiet tal-kumitati interessati l-oħra (A8-0217/2015),

***Abbozz ta' Baġit 2016: nirrispettaw l-impenji u l-prijoritajiet ta' finanzjament***

[1] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
[2] ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
[3] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
[4] ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
[5] Testi adottati, P8_TA(2015)0061.

1. Ifakkar li, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2015, il-Parlament qiegħed il-ħolqien ta' impjiegi deċenti u ta' kwalità u l-iżvilupp tal-intrapriżi u l-intraprenditorija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv madwar l-Unjoni ("it-tliet I"), flimkien mas-solidarjetà interna u esterna fi ħdan Ewropa sigura, fiċ-ċentru tal-prijoritajiet tiegħu għall-baġit 2016; itenni d-dedikazzjoni tal-Parlament lejn ir-rispett tal-impenji ġuridiċi kif ukoll dawk politiċi u l-appell tiegħu lill-istituzzjonijiet biex iwettqu l-wegħdiet tagħhom;

2. Jissottolinja, f'dan il-kuntest, li l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2014–2020 stabbilixxa limiti massimi għall-intestaturi kollha iżda ddispona wkoll għal flessibbiltà speċifika u l-flessibbiltà massima possibbli sabiex l-Unjoni tkun tista' tissodisfa l-obbligi ġuridiċi tagħha, u għal strumenti speċjali sabiex l-Unjoni tkun tista' tirreaġixxi għal ċirkostanzi speċifiċi imprevisti jew tiffinanzja nefqa identifikata b'mod ċar oltre l-limiti massimi;

3. Jilqa' l-fatt li l-Abbozz ta' Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea li ħejjiet il-Kummissjoni, għas-sena finanzjarja 2016 isaħħaħ dawn il-prijoritajiet u jipproponi l-intensifikazzjoni tal-appoġġ tal-UE għall-programmi orjentati lejn l-investiment, l-għarfien, l-impjiegi u t-tkabbir, u b'mod partikolari għal Erasmus+, programm emblematiku fil-qasam tal-mobilità; jemmen li l-Abbozz ta' Baġit għall-2016 hu pass pożittiv 'il quddiem biex l-Istati Membri jiġu megħjuna jaffrontaw l-isfidi strutturali, b'mod speċjali t-telf ta' kompetittività; jinsab sodisfatt mill-fatt li, apparti ż-żidiet dovutament mistennija fl-Intestatura 3 (Sigurtà u ċittadinanza) u l-Intestatura 4 (Ewropa Globali), il-Kummissjoni qed taċċetta l-isfida li tirreaġixxi għal żviluppi ġodda, bħall-kriżijiet fl-Ukrajna, fis-Sirja u fil-Mediterran, billi twieġeb għall-ħtiġijiet tal-UE u tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà u l-migrazzjoni u billi turi rieda politika b'saħħitha fil-qasam tal-azzjoni esterna u impenn baġitarju fir-rigward tal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu;

4. Jilqa' l-inklużjoni tal-Fond Ewropew għal Investiment Strateġiku (FEIS) fl-Abbozz ta' Baġit 2016 u, b'mod partikolari, il-mobilizzazzjoni tal-Marġni Globali għall-Impenji biex ikopri parti min-nefqa meħtieġa għall-finanzjament ta' EUR 8 miljun għall-Fond ta' Garanzija FEIS, minflok ma jiddependi biss fuq it-tnaqqis fil-baġits tal-Orizzont 2020 u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa; jisħaq fuq il-fatt li l-objettiv tal-Parlament kien li jimminimizza sal-massimu possibbli l-impatt fuq dawn iż-żewġ programmi u l-fatt li l-qbil li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi kompla jbaxxi dan it-tnaqqis b'EUR 1 biljun kumplessivament, b'mod li r-riċerka fundamentali, *inter alia*, ma ntlaqtitx jistenna li l-ftehim finali rigward il-FEIS jiġi rifless kemm jista' jkun malajr fil-baġit 2016 abbażi ta' ittra ta' emenda;

5. Ifakkar madankollu fil-fatt li d-deċiżjoni dwar l-approprjazzjonijiet annwali li għandhom jiġu awtorizzati biex jiġi kostitwit il-fond ta' garanzija FEIS se tittieħed biss mill-awtorità baġitarja, matul il-proċedura baġitarja annwali; jimpenja ruħu, f'dan il-qafas, favur kumpens ulterjuri għat-tnaqqis li jolqot lill-Orizzont 2020 u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li għadu sinifikanti, b'mod li dawk il-programmi jitħallew iwettqu kompletament l-objettivi li kull m'ilhom miftiehma sentejn biss bħala riżultat tan-negozjati rigward il-bażijiet ġuridiċi rispettivi tagħhom; biħsiebu wkoll jeżamina mill-qrib jekk dak it-tnaqqis għandux jiġi kkonċentrat fis-snin 2016-2018, kif ipproponiet il-Kummissjoni, jew jinfirixx ulterjorment fuq is-snin 2019–2020, bħala mezz biex jiġi mminimizzat l-impatt fuq dawn il-programmi;

6. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-SMEs (COSME) qed iġarrab tnaqqis nominali fl-approprjazzjonijiet ta' impenn mill-2015 sal-2016; jevidenzja s-sinjal negattiv ferm li tnaqqis ta' dan it-tip jagħti fi żmien meta l-potenzjal tal-SMEs bħala innovaturi u kreaturi ta' impjiegi hu meħtieġ b'urġenza sabiex jitqanqal l-irkupru tal-UE, jitnaqqsu d-distakki fl-investiment u jingħata kontribut għall-prosperità tal-Unjoni fil-ġejjieni;

ifakkar li l-promozzjoni tal-intraprenditorija, it-titjib tal-kompetittività u l-aċċess għas-swieq għall-intrapriżi tal-Unjoni, inklużi l-intrapriżi soċjali, u t-titjib tal-aċċess għal finanzjament għall-SMEs li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-ekonomija u l-kompetittività tal-UE, huma prijoritajiet li hu ċar li huma kondiviżi bejn l-istituzzjonijiet kollha, u li kienu l-ġustifikazzjoni għall-konċentrazzjoni fil-bidu tal-perjodu u t-tisħiħ tal-approprjazzjonijiet ta' COSME matul dawn l-aħħar sentejn, wara li tqieset ir-rata għolja ta' implimentazzjoni tal-programm; biħsiebu, għaldaqstant, jiżgura li dan il-programm jevolvi b'mod pożittiv fl-2016;

7. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-finanzjament tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ bħala għodda kruċjali għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-Unjoni, li hija prijorità ewlenija għal kull min jieħu d-deċiżjonijiet fl-Ewropa; jikkonstata l-konċentrazzjoni fil-bidu tal-perjodu tal-allokazzjoni komplementari għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ fl-2014 u fl-2015; jiddispjaċih dwar il-fatt li fl-2016 ma ġie propost l-ebda impenn ġdid; ifakkar li l-QFP iddispona għal marġni globali għall-impenji li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni oltre l-limiti massimi sa mill-2016 fir-rigward tal-objettivi politiċi relatati mat-tkabbir u l-impjiegi, b'mod partikolari l-impjiegi għaż-żgħażagħ; ifakkar li, b'konsegwenza ta' dan, ir-Regolament dwar il-Fond Soċjali Ewropew iddispona li, fil-qafas tal-proċedura baġitarja, ir-riżorsi għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ jistgħu jiġu riveduti 'l fuq għas-snin mill-2016 sal-2020; jappella, għalhekk, biex l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ titkompla billi tiġi sfruttata kwalunkwe dispożizzjoni ta' flessibbiltà li tinsab fil-QFP, u biħsiebu jiżgura li l-baġit 2016 ikun jipprevedi l-ammonti neċessarji;

8. Jikkonstata li, grazzi għal ftehim f'waqtu dwar ir-riprogrammar tal-impenji taħt ġestjoni kondiviża fi ħdan il-QFP 2014-2020 minħabba l-adozzjoni tardiva tar-regoli u l-programmi rilevanti, il-Kummissjoni inkludiet fl-Abbozz ta' Baġit 2016 tagħha (Intestaturi 2 u 3) EUR 4,5 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn li ma setgħux jintużaw fl-2014; ifakkar li l-baġit emendatorju 1/2015 diġà ppermetta trasferiment ta' EUR 16,5 biljun mill-2014 sal-2015 taħt l-Intestaturi 1b, 2 u 3; jisħaq fuq il-fatt li dawn huma, madankollu, sempliċi trasferimenti minn approprjazzjonijiet diġà miftiehma tal-2014 u għandhom għalhekk, għal finijiet ta' tqabbil, jitnaqqsu minn kwalunkwe valutazzjoni tal-evoluzzjoni tal-baġit 2016 fil-konfront tal-baġit 2015; jindika, għalhekk, li l-programmi kkonċernati fil-fatt qed jibbenefikaw minn approprjazzjonijiet ta' impenn imsaħħa fl-Abbozz ta' Baġit 2016;

9. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-programmi ġodda li jaqgħu taħt il-perjodu tal-QFP 2014–2020 qed idumu ma jibdew aktar milli kien ippjanat minħabba l-approvazzjoni tardiva tal-bażijiet ġuridiċi u tal-programmi operattivi, kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fl-2014; jimpenja ruħu li jeżamina jekk l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mitluba humiex fil-fatt se jippermettu li dawn il-programmi ġodda jibdew joperaw kif suppost; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jagħmlu tajjeb għad-dewmien fl-implimentazzjoni tagħhom;

10. Jikkonstata li l-Abbozz ta' Baġit tal-UE għall-2016 jammonta għal EUR 153,5 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (inklużi EUR 4,5 biljun riprogrammati mill-2014) u EUR 143,5 biljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament; jindika li, jekk ma jitqiesx l-effett tar-riprogrammar fl-2015 u fl-2016, dan jikkorrispondi għal żieda ta' +2,4 % fl-impenji u ta' +1,6 % fil-pagamenti meta mqabbla ma' dawk tal-baġit 2015; jisħaq fuq il-fatt li dawn iż-żidiet moderati kumplessivi, skont id-direzzjoni stabbilita mill-QFP u wara li titqies l-inflazzjoni, ma jirrappreżentaw kważi l-ebda żieda f'termini reali, u dan jenfasizza l-importanza tal-effiċjenza u l-effikaċja tal-infiq;

11. Jissottolinja l-fatt li l-Kummissjoni qed tħalli marġnijiet ta' EUR 2,2 biljun

f'approprjazzjonijiet ta' impenn (li minnhom EUR 1,2 biljun qegħdin fl-Intestatura 2) u ta' EUR 1,6 biljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament taħt il-limiti massimi tal-QFP; ifakkar li l-marġnijiet disponibbli fl-impenji u fil-pagamenti kif ukoll il-pagamenti mhux esegwiti jalimentaw il-marġnijiet globali li għandhom jintużaw fis-snin sussegwenti, meta tinqala' l-ħtieġa; jikkonstata li l-Marġni Globali għall-Impenji qed jitqiegħed għad-dispożizzjoni għall-ewwel darba u li parti minnu se tintuża għall-FEIS; jilqa' fil-prinċipju l-użu propost tal-Istrument ta' Flessibbiltà għal nefqa identifikata b'mod ċar, bħala parti mill-inizjattivi ġodda tal-UE fl-oqsma tal-asil u l-migrazzjoni li ma jistgħux jiġu ffinanzjati fi ħdan il-limiti tal-Intestatura 3; biħsiebu jisfrutta parti mill-marġnijiet li fadal u mid-dispożizzjonijiet rilevanti dwar il-flessibbiltà pprovduti mill-QFP biex isaħħaħ il-prijoritajiet kruċjali;

***Pagamenti: inreġġgħu lura l-fiduċja***

12. Ifakkar li n-nuqqas fil-pagamenti, l-aktar minħabba limiti massimi insuffiċjenti għall-pagamenti u bbaġitjar ta' anqas riżorsi milli kien meħtieġ, laħaq livelli bla preċedenti fl-2014 u baqa' gravi fl-2015; jibża' li dan se jkompli jipperikola l-implimetazzjoni kif suppost tal-programmi ġodda taħt il-QFP 2014–2020 u jippenalizza lill-benefiċjarji, b'mod speċjali lill-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, li qed jaffaċċjaw restrizzjonijiet ekonomiċi u soċjali; waqt li jappoġġa l-ġestjoni attiva tal-pagamenti min-naħa tal-Kummissjoni, jinsab imħasseb dwar il-posponiment tas-sejħiet għal proposti, dwar it-tnaqqis tal-prefinanzjament u dwar il-pagamenti tardivi, li jistgħu jirriżultaw li jkunu detrimentali għall-ilħuq tal-objettivi tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; itenni t-tħassib tiegħu rigward it-tnaqqis *ad hoc* fil-pagamenti introdott mill-Kunsill fil-qari tiegħu tal-baġits annwali, inkluż fil-programmi fil-qasam tal-kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi taħt l-Intestatura 1a;

13. Jilqa' l-fatt li l-Abbozz ta' Baġit tal-UE jirrifletti d-dikjarazzjoni konġunta dwar pjan ta' pagament 2015–2016 li ntlaħaq qbil dwaru bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni b'segwitu għad-dijanjożi kondiviża u l-impenn meħud mit-tliet istituzzjonijiet biex inaqqsu dan l-arretrat; ifakkar li, skont l-Artikolu 310 TFUE, id-dħul u n-nefqa murija fil-baġit tal-UE għandhom ikunu f'bilanċ; jikkonstata li, skont l-estimi tal-Kummissjoni, l-approprjazzjonijiet ta' pagament mitluba fl-Abbozz ta' Baġit kieku jnaqqsu l-arretrat ta' kontijiet mhux imħallsa sa livell sostenibbli ta' madwar EUR 2 biljun; jimpenja ruħu, b'konsegwenza ta' dan, biex jappoġġa kompletament il-proposta tal-Kummissjoni, u jistenna li l-Kunsill jirrispetta l-impenji li ħa f'dan ir-rigward;

14. Jissottolinja li l-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni impenjaw ruħhom li fil-ġejjieni jevitaw akkumulazzjoni ta' arretrat insostenibbli ta' talbiet għal pagament pendenti fi tmiem is-sena, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ u jimplimentaw il-ftehimiet milħuqa bħala parti mill-qafas finanzjarju pluriennali u mill-proċeduri baġitarji annwali; itenni l-ħtieġa f'dan ir-rigward li jsir monitoraġġ mill-qrib u attiv tal-iżvilupp ta' dan l-arretrat; itenni t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li l-ispeċifiċitajiet taċ-ċikli ta' pagament iqiegħdu pressjoni addizzjonali fil-livell tal-approprjazzjonijiet ta' pagament, b'mod speċjali fi tmiem il-QFP; ifakkar lill-Kummissjoni rigward l-impenn li ħadet fid-dikjarazzjoni konġunta dwar pjan ta' pagament li tiżviluppa l-għodda tagħha għal tbassir fuq żmien medju u fuq żmien twil u li twaqqaf sistema ta' twissija bikrija, bil-għan li tippreżenta dan l-ewwel tbassir tal-pagamenti f'Lulju, sabiex l-awtorità baġitarja tkun tista' tieħu deċiżjonijiet informati kif dovut fil-ġejjieni;

15. Jilqa' l-fatt li l-bilanċ fi ħdan l-approprjazzjonijiet ta' pagament kumplessivi fl-aħħar qed jiċċaqlaq b'mod sinifikanti mit-tlestija tal-programmi passati tal-2007–2013 għall-eżekuzzjoni tal-programmi l-ġodda tal-2014–2020; jissottolinja madankollu l-fatt li l-livell tal-pagamenti fl-Abbozz ta' Baġit 2016, b'mod speċifiku fir-rigward tal-Intestatura 1b, hu baxx meta

mqabbel mal-livell tal-impenji, u dan jinvolvi r-riskju ta' arretrat simili ta' pagamenti pendenti fi tmiem il-QFP attwali; jiddubita għalhekk sa liema punt dan hu konformi mal-perspettiva fuq żmien twil tal-pjan ta' pagament;

***Subintestatura 1a – Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi***

16. Jikkonstata li, meta mqabbla ma' dik tal-2015, il-proposta tal-Kummissjoni għall-2016 tikkorrispondi għal żieda fl-impenji taħt is-subintestatura 1a ta' +6,1 % biex laħqu EUR 18,6 biljun; jindika li ż-żieda fl-impenji hija fil-biċċa l-kbira dovuta għall-integrazzjoni tal-FEIS, għaż-żidiet għal Erasmus+ u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u, f'livell minuri, għaż-żidiet għall-programmi Dwana, Fiscalis u Ġlieda kontra l-Frodi kif ukoll għall-programm Impjiegi u Innovazzjoni Soċjali; se jagħti attenzjoni partikolari għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi bejn l-apprendistati u l-edukazzjoni għolja fl-Ewropa, b'mod partikolari billi jiġi żgurat aċċess indaqs għall-mobilità;

17. Jiddispjaċih, madankollu, dwar it-tnaqqis fl-approprjazzjonijiet għal proġetti infrastrutturali kbar, l-Orizzont 2020 u l-COSME, kif ukoll dwar il-fatt li l-progress fir-rigward tal-komponent "Trasport" tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa qed jimxi aktar bil-mod minħabba r-riallokazzjoni lill-FEIS; ifakkar li l-proposta inizjali tal-Kummissjoni dwar il-FEIS kieku kienet tirriżulta fi tnaqqis ta' EUR 170 miljun għall-Orizzont 2020 fl-2016 meta mqabbla ma' dik tal-2015, biex b'hekk jingħata sinjal kontradittorju dwar programm li huwa estensivament rikonoxxut bħala prijorità emblematika taħt il-QFP attwali; jiddeplora r-riperkussjonijiet fuq il-finanzjament għar-riċerka, inkluż fl-oqsma tal-Enerġija, l-SMEs, il-Klima u l-Ambjent, ix-Xjenzi Soċjali u x-Xjenza fis-Soċjetà; jimpenja ruħu li jfittex li jikkumpensa ulterjorment għat-tnaqqis propost f'dawn il-programmi permezz ta' tisħiħ matul il-proċedura baġitarja bl-użu tal-marġni ta' EUR 200 miljun li għadu disponibbli taħt il-limitu massimu għall-Intestatura 1a; jisħaq fuq il-fatt li l-finanzjament għall-investiment, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni għandu jiġi ffokat fuq l-oqsma fejn jista' jinkiseb l-akbar valur miżjud, bħal dawk tat-titjib tal-effiċjenza tal-enerġija, it-teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni, l-għotjiet għal riċerka bażika u t-teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju kif ukoll dawk ta' enerġija rinnovabbli;

18. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-programm ITER u jimpenja ruħu li jiżgura l-finanzjament xieraq; jinsab imħasseb, madankollu, dwar il-fatt li l-preżentazzjoni ta' kalendarju u ppjanar finanzjarju riveduti għall-programm ITER prevista f'Novembru 2015 mhix se tippermetti li l-awtorità baġitarja tqis l-informazzjoni ġdida fil-proċedura baġitarja annwali għall-2016; iħeġġeġ, madankollu, biex l-ITER u l-Impriża Konġunta tiegħu għall-Unjoni Ewropea – Fużjoni għall-Enerġija jippreżentaw mingħajr dewmien ir-rapporti mitlubin rigward il-kwittanza tagħhom għall-2013, u biex jagħtu segwitu għar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Parlament;

19. Jissottolinja li l-ibbaġitjar fl-imgħoddi ta' anqas approprjazzjonijiet ta' pagament milli kien meħtieġ wessa' d-distakk bejn l-impenji u l-pagamenti f'diversi programmi taħt l-Intestatura 1a, biex b'hekk ikkontribwixxa għaż-żieda drastika fl-impenji pendenti (RALs) meta mqabbla mal-intestaturi l-oħra; jinsab mħasseb li l-Kummissjoni kellha tnaqqas l-ammont ta' prefinanzjament u, agħar minn hekk, tipposponi sejħiet ġodda għal proposti u ddewwem l-iffirmar tal-kuntratti; jikkonstata, pereżempju, li taħt l-Orizzont 2020, il-Kummissjoni tistima li "f'xenarju ta' implimentazzjoni normali mingħajr limiti fuq l-approprjazzjonijiet ta' pagament, sa tmiem l-2014, kieku kienu jintefqu madwar EUR 1 biljun aktar"; filwaqt li jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex iżżomm is-sitwazzjoni tal-pagamenti taħt kontroll, itenni li taħt l-ebda ċirkostanza mhu se jittollera li tnaqqis fir-ritmu tal-

programmi 2014-2020 jitqies bħala mod biex jiġu ttrattati n-nuqqasijiet ta' pagamenti;

20. Jilqa', għalhekk, iż-żieda fl-approprjazzjonijiet ta' pagament ta' +11,4 % biex laħqu EUR 17,5 biljun meta mqabbla ma' dawk tal-2015, u ż-żieda fil-proporzjon bejn il-pagamenti u l-impenji għall-2016; jikkonstata, b'mod partikolari, li għal diversi programmi (Copernicus, Erasmus+, Orizzont 2020, Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Trasport, sikurezza u dekummissjonar nukleari) l-approprjazzjonijiet ta' pagament jaqbżu l-livell tal-approprjazzjonijiet ta' impenn;

***Subintestatura 1b – Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali***

21. Jieħu nota tal-proposti ta' EUR 50,8 biljun f'impenji (+3,2 % meta mqabbla ma' dawk tal-2015, bl-impatt tar-riprogrammar newtralizzat) u ta' EUR 49,1 biljun f'pagamenti (-4 %) għas-Subintestatura 1b, li jħallu marġni żgħir ta' EUR 15,3 miljun taħt il-limitu massimu għall-impenji; ifakkar li l-politika ta' koeżjoni tirrappreżenta l-politika ewlenija tal-UE rigward l-investiment u hi mmirata lejn it-tnaqqis tal-inugwaljanzi bejn ir-reġjuni Ewropej permezz tat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; jissottolinja l-fatt li strumenti bħall-FSE, il-FEŻR, il-Fond ta' Koeżjoni jew l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ huma strumentali fit-trawwim tal-konverġenza, it-tiċkin tad-distakk fl-iżvilupp u l-appoġġ għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u sostenibbli; jissottolinja r-rwol kruċjali tal-politika ta' koeżjoni tal-UE biex jinkisbu l-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020;

22. Jevidenzja l-fatt li 44 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament proposti għall-2016 ikopru talbiet għal pagament pendenti għall-perjodi ta' programmazzjoni preċedenti, biex jibqgħu biss EUR 26,8 biljun f'pagamenti għall-fażi inizjali tal-programmi ta' koeżjoni ġodda għall-2014–2020; jikkunsidra li l-approprjazzjonijiet ta' pagament proposti, għalhekk, huma l-minimu indispensabbli f'din is-subintestatura;

23. Ifakkar li hemm bżonn ta' ammont ta' EUR 21,6 biljun fil-baġit 2016 biex il-livell ta' talbiet għal pagament pendenti għall-programmi ta' koeżjoni tal-2007–2013 jitnaqqas minn EUR 24,7 biljun fi tmiem l-2014 u EUR 20 biljun fi tmiem l-2015 għal madwar EUR 2 biljun sa tmiem l-2016, kif deskritt fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni annessa mad-dikjarazzjoni konġunta dwar pjan ta' pagament 2015–2016; iħeġġeġ biex tiġi evitata akkumulazzjoni 'anormali' simili ta' kontijiet mhux imħallsa fil-ġejjieni, b'mod li l-kredibbiltà tal-UE ma tiġix kompromessa;

24. Jisħaq fuq il-fatt li, apparti l-appell tiegħu biex l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ titkompla, hu kruċjali li jkun hemm aċċelerazzjoni effiċjenti u effikaċi tal-implimentazzjoni tagħha fl-Istati Membri; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jieħdu kull miżura meħtieġa biex l-iskemi nazzjonali ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ jibdew joperaw bħala kwistjoni prijoritarja, waqt li fejn ikun xieraq iqisu r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif ġew stipulati fir-Rapport Speċjali Nru 3/2015 tagħha; itenni li ż-żieda li ġiet approvata dan l-aħħar biex ir-rata ta' prefinanzjament telgħet għal 30 %, u li għandha appoġġ qawwi min-naħa tal-Parlament, hija dipendenti fuq il-preżentazzjoni rapida tat-talbiet għal pagament interim min-naħa tal-Istati Membri fi żmien sena, li għandha tikkonkretizza ruħha fl-2016; jinsisti li ż-żieda fil-prefinanzjament tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ m'għandhiex tolqot negattivament l-implimentazzjoni tal-komponenti l-oħra tal-FSE;

***Intestatura 2 – Tkabbir sostenibbli: ir-riżorsi naturali***

25. Jieħu nota tal-proposti ta' EUR 63,1 biljun f'impenji (-0,1 % meta mqabbla ma' dawk tal-2015,

bl-impatt tar-riprogrammar newtralizzat) u ta' EUR 55,9 biljun f'pagamenti (-0,2 %) għall-Intestatura 2, li jħallu marġni ta' EUR 1,2 biljun taħt il-limitu massimu għall-impenji u marġni ta' EUR 1,1 biljun taħt is-sottolimitu massimu għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG); jindika li l-mekkaniżmu ta' dixxiplina finanzjarja jiġi applikat biss sabiex jistabbilixxi r-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu; jistenna l-Ittra ta' Emenda tal-Kummissjoni, li suppost tasal f'Ottubru, u li għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni aġġornata dwar il-finanzjament tal-FAEG; jenfasizza li t-trasferimenti bejn iż-żewġ pilastri tal-PAK jirriżultaw f'żieda kumplessiva fl-ammont disponibbli għall-iżvilupp rurali;

26. Jisħaq fuq il-fatt li l-Abbozz ta' Baġit 2016 juri tnaqqis fil-ħtiġijiet għal interventi fis-swieq agrikoli meta mqabbla ma' dawk fil-baġit 2015, prinċipalment minħabba l-impatt fl-2015 tal-miżuri ta' emerġenza relatati mal-embargo Russu fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli mill-UE; jikkonstata li, skont il-Kummissjoni, m'hemm bżonn tal-ebda miżura ulterjuri taħt il-baġit 2016; jevidenzja l-objettivi taż-żieda fil-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-agrikoltura Ewropea, u jitlob li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi biex jintlaħqu dawn l-objettivi;

27. Jissottolinja l-fatt li, b'segwitu għar-riforma, il-Politika Komuni tas-Sajd tipprovdi qafas ġuridiku ambizzjuż li permezz tiegħu jistgħu jiġu indirizzati l-isfidi tas-sajd responsabbli, anke permezz tal-ġbir ta' data, u jinsab kuntent li l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd ibbenefika minn trasferiment lejn l-2015 ta' approprjazzjonijiet mhux użati fl-2014, waqt li, bl-impatt ta' dan ir-riprogrammar newtralizzat, qed isir progress ulterjuri fir-rigward tal-approprjazzjonijiet ta' impenn għal dan il-Fond fl-2016; jikkonstata, madankollu, li fir-rigward tal-pagamenti l-eliminazzjoni gradwali tal-programm preċedenti qed tiġi biss parzjalment ikkumpensata bl-implimentazzjoni tal-programm il-ġdid, u dan jirriżulta f'anqas approprjazzjonijiet fl-2016;

28. Jilqa' ż-żieda fl-approprjazzjonijiet prevista għall-Programm LIFE għall-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, kemm fl-impenji u kemm fil-pagamenti; jilqa' l-ewwel passi fl-ekoloġizzazzjoni tal-Baġit tal-UE u jindika l-ħtieġa biex ir-ritmu tagħha jkompli jaċċelera;

*Intestatura 3 – Sigurtà u Ċittadinanza*

29. Jilqa’ l-fatt li l-Abbozz ta' Baġit 2016 iżid l-appoġġ tiegħu għall-programmi kollha fl-Intestatura 3, li jammonta għal EUR 2,5 biljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn (+12,6 % meta mqabbel mal-baġit tal-2015 bir-riprogrammar newtralizzat) u għal EUR 2,3 biljun f’approprjazzjonijiet ta’ pagament (+9,7 %); jirrimarka li dan ma jħalli l-ebda marġni għal aktar tisħiħ jew għal proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji taħt l-Intestatura 3; huwa tal-fehma li, fis-sitwazzjoni ġeopolitika attwali, l-aktar minħabba l-pressjoni li qed tiżdied tal-flussi migratorji, il-livell tal-limiti massimi stabbiliti għal dik li hija l-iżgħar intestatura tal-QFP jista’ ma jkunx aġġornat u għandu jiġi indirizzat fil-kuntest tar-reviżjoni postelettorali tal-QFP;

30. Jilqa’ b’sodisfazzjon l-Aġenda Ewropea tal-Kummissjoni dwar il-Migrazzjoni u jtenni l-appoġġ tiegħu għat-tisħiħ fil-mezzi tal-UE u l-iżvilupp ta’ kultura ta’ kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet u solidarjetà fl-oqsma tal-asil, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni; ifaħħar għalhekk iż-żidiet fl-approprjazzjonijiet ta’ impenn għall-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li jikkostitwixxu l-iżvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA); jilqa’ l-proposta tal-Kummissjoni li jiġi mobilizzat l-Istrument ta’ Flessibbiltà b’EUR 124 miljun sabiex jindirizza x-xejriet migratorji attwali fil-Mediterran; jistaqsi jekk il-finanzjament propost huwiex se jkun biżżejjed; jenfasizza l-ħtieġa għal kontroll strett fuq id-destinazzjoni ta’ dawn il-fondi;

31. Jenfasizza li, minħabba l-għadd kbir ta' migranti li waslu fix-xtut tan-Nofsinhar tal-Unjoni u r-rwol dejjem jikber li għandu l-EASO fil-ġestjoni tal-asil, il-proposta li l-persunal tal-EASO jiżdied biss b'6 hija evidenti li mhux biżżejjed; jitlob għalhekk li l-EASO jkollu livell ta' persunal u baġit xierqa għall-2016 sabiex ikun jista' jwettaq il-kompiti u l-operat tiegħu b'mod effettiv;

32. Jemmen li l-impatt baġitarju u l-kompiti addizzjonali tal-miżuri ppreżentati bħala parti mill-Aġenda tal-UE dwar il-Migrazzjoni, u l-Aġenda tal-UE dwar is-Sigurtà fir-rigward tal-Europol għandhom jiġu vvalutati fid-dettall mill-Kummissjoni, sabiex l-awtorità baġitarja tkun tista' taġġusta adegwatament il-ħtiġijiet baġitarji u tal-persunal tal-aġenzija; jenfasizza r-rwol tal-Europol fl-appoġġ transkonfinali għall-Istati Membri u fl-iskambju ta' informazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li jkun żgurat li l-aġenzija jkollha baġit u livell ta' persunal xierqa għall-2016 sabiex tkun tista' twettaq il-kompiti u l-operat tagħha b'mod effettiv;

33. Iqis li l-aġenziji relevanti m'għandhomx ikunu suġġetti għal tnaqqis jew riallokazzjoni ta' persunal, u li dawn għandhom jallokaw adegwatament lill-persunal tagħhom bil-għan li jissodisfaw ir-responsabbiltajiet dejjem jiżdiedu tagħhom;

34. Ifakkar ukoll fl-appoġġ qawwi mogħti b'mod konsistenti mill-Parlament biex il-programmi kulturali u tal-midja jiġu ffinanzjati b'mod adegwat; jilqa' għalhekk iż-żieda għall-programm Ewropa Kreattiva, inklużi azzjonijiet multimedjali, meta mqabbel mal-baġit tal-2015, filwaqt li jesprimi riżervi dwar id-diviżjoni amministrattiva bejn it-taqsimiet kulturali u tal-midja tiegħu; jappoġġa wkoll iż-żieda proposta għall-programm 'L-Ewropa għaċ-ċittadini', peress li dan huwa vitali għall-parteċipazzjoni ċivika fil-proċess demokratiku fl-Ewropa; huwa tal-fehma li l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hija strument ċentrali għal demokrazija parteċipattiva fl-UE, u jitlob li titjieb il-viżibbiltà u l-aċċessibbiltà tagħha; jenfasizza r-rwol pożittiv tan-netwerks pan-Ewropej magħmula mill-midja lokali u nazzjonali bħal pereżempju l-EuranetPlus;

35. Jenfasizza li s-sigurtà tal-ikel u tal-għalf, il-protezzjoni tal-konsumatur u s-saħħa huma oqsma ta' tħassib ewlieni għaċ-ċittadini tal-UE; japprezza għalhekk iż-żidiet fl-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-programm Ikel u Għalf, il-Programm tas-Saħħa u l-Programm tal-Konsumatur meta mqabbel mal-baġit 2015;

***Titolu 4 – Ewropa Globali***

36. Jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda ġenerali fil-finanzjament għall-Intestatura 4, li tammonta għal EUR 8,9 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (+5,6 % meta mqabbel mal-baġit tal-2015), filwaqt li tħalla marġni ta' EUR 261,3 miljun taħt il-limitu massimu; jinnota li dan juri livell għoli ta' solidarjetà ma' pajjiżi terzi; jemmen li l-baġit tal-UE huwa strumentali biex jintlaħqu n-nies fil-bżonn u għall-promozzjoni tal-valuri fundamentali Ewropej; jinsab sodisfatt li d-diffikultajiet ekonomiċi u soċjali li ltaqgħet magħhom l-UE f'dawn l-aħħar snin ma aljenawx mill-attenzjoni mogħtija lill-bqija tad-dinja; jemmen madankollu li aktarx se jkun hemm bżonn li jissaħħu iżjed ċerti oqsma prijoritarji bħall-Istrument Ewropew ta' Viċinat, inkluża l-assistenza għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, il-Palestina u l-UNRWA, u dan minħabba l-kriżijiet politiċi u umanitarji li għaddejjin bħalissa fil-viċinat u lil hinn minnu;

37. Jilqa' ż-żieda fl-approprjazzjonijiet ta' pagament mitluba mill-Kummissjoni għall-programmi kollha li jaqgħu taħt l-Intestatura 4 (+28,5 % għal EUR 9,5 biljun), fejn il-pagamenti jaqbżu l-impenji speċjalment fl-oqsma tal-iżvilupp, l-għajnuna umanitarja u l-assistenza tal-UE għall-Palestina u l-UNRWA; jemmen li dawn iż-żidiet huma totalment ġustifikati mill-ħtieġa li jiġu

rimedjati l-effetti tan-nuqqas drammatiku ta' pagamenti f'din l-intestatura fl-2014 u fl-2015, li wassal sabiex il-Kummissjoni naqqset il-prefinanzjamenti u pposponiet l-impenji ġuridiċi; ifakkar li fl-2015 kellhom jitħallsu EUR 1,7 miljun f'imgħax għal pagamenti tardivi taħt l-Intestatura 4; jistenna li d-distakk bejn l-impenji u l-pagamenti jitnaqqas progressivament u li l-akkumulazzjoni ta' kontijiet mhux imħallsa tinġieb lura għal livell normali; jenfasizza li mossa bħal din hija indispensabbli għas-sostenibbiltà finanzjarja tal-benefiċjarji vulnerabbli u għall-UE biex taġixxi bħala sieħeb affidabbli fil-konfront ta' organizzazzjonijiet internazzjonali;

38. Jemmen li strumenti ta' finanzjament estern jipprovdu għodod biex jindirizzaw, b'mod multidimensjonali u flimkien mal-għanijiet rispettivi tagħhom, il-kawżi ewlenin ta' dawk l-isfidi marbuta mas-sigurtà interna u l-migrazzjoni li huma fil-qalba tal-baġit tas-sena d-dieħla, b'referenza partikolari għall-fruntieri tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Unjoni u, b'mod iktar ġenerali, għaż-żoni milquta minn kunflitti; jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għall-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u l-Istrument Ewropew tal-Viċinat iżda wkoll għal politiki li jkunu għaddejjin minn żidiet aktar moderati bħall-għajnuna umanitarja, l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi, il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika b'mod ċar oqsma li jistgħu jgħinu f'dawn l-isfidi topiċi u fejn infurzar potenzjali jista' jiġi assorbit b'mod effiċjenti; ifakkar f'dan ir-rigward fl-importanza li tingħata assistenza sabiex jitnaqqas u eventwalment jinqered il-faqar, u l-ħtieġa li d-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-koeżjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-inugwaljanzi jibqgħu fil-qalba tal-attivitajiet ta' għajnuna esterna tal-UE;

39. Jenfasizza ż-żieda notevoli fl-ammont li għandu jiġi pprovdut fil-baġit 2016 għall-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni ġestiti mill-Bank Ewropew tal-Investiment, u jinnota li din fost fatturi oħra hija riżultat tat-tnedija ta' self ta' assistenza makrofinanzjarja lill-Ukraina;

40. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jiżguraw li jiġi applikat approċċ konġunt f'pajjiżi strateġiċi li jibbenefikaw minn ammont relattivament kbir ta' finanzjament minn diversi sorsi tal-UE, bħall-Ukraina u t-Tuneżija; huwa tal-fehma li jista' jinkiseb impatt politiku u ekonomiku aktar b'saħħtu min-naħa tal-UE billi jkunu żgurati aktar koerenza u koordinazzjoni fost l-atturi ewlenin fl-UE u fuq il-post, permezz ta' simplifikazzjoni u tqassir tal-proċeduri u billi tiġi offruta stampa aktar ċara tal-azzjoni tal-UE;

***Intestatura 5 – Amministrazzjoni***

41. Jinnota li n-nefqa fl-Intestatura 5 żdiedet bi 2,9 % meta mqabbel mal-Baġit 2015 għal EUR 8 908,7 miljun, u li din iċ-ċifra tkopri globalment in-nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet (+2,2 %) u l-Pensjonijiet u l-Iskejjel Ewropej (+5,4 %); jinnota li marġni ta' EUR 574,3 miljun tħalla taħt il-limitu massimu; jissottolinja li s-sehem tal-Intestatura 5 tal-baġit tal-UE jibqa' stabbli għal 5,8 %; ifakkar madankollu li din iċ-ċifra ma tqisx l-għajnuna teknika meqjusa bħala nefqa operattiva;

***Strumenti speċjali***

42. Jafferma mill-ġdid li strumenti speċjali huma kruċjali għar-rispett u l-implimentazzjoni sħaħ tal-QFP u għandhom, min-natura tagħhom stess, jiġu magħduda lil hinn mil-limiti massimi kemm f'impenji u kemm f'pagamenti, b'mod partikolari għall-iskop tal-kalkolu tal-marġni globali għall-pagamenti; jilqa' l-proposta għal parità bejn impenji u pagamenti għar-Riżerva

ta' Għajnuna f'Emerġenza; jinnota li l-ammonti mwarrba għar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza (EAR), għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) u għall-Fond ta' Solidarjetà tal-UE (FSUE) fl-Abbozz ta' Baġit 2016 huma pjuttost stabbli jew żdiedu bi ftit;

*Proġetti pilota – azzjonijiet preparatorji*

43. Jenfasizza l-importanza tal-Proġetti Pilota (PP) u l-Azzjonijiet Preparatorji (AP) bħala għodod għall-formulazzjoni ta' prijoritajiet politiċi u l-introduzzjoni ta' inizjattivi ġodda li jistgħu jinbidlu f'attivitajiet u programmi tal-UE permanenti, inklużi inizjattivi immirati biex jirriflettu u jakkumpanjaw il-bidliet ekonomiċi, ekoloġiċi u soċjali fi ħdan l-UE; jinnota bi tħassib li, speċjalment fl-Intestatura 3, il-Kummissjoni ma pprevedietx approprjazzjonijiet għall-kontinwazzjoni ta' PP-AP ta' suċċess kbir; beħsiebu jipproċedi għall-identifikazzjoni ta' pakkett bilanċjat ta' PP-AP; jinnota li fil-proposta attwali, il-marġni f'xi intestaturi huwa pjuttost limitat, jew saħansitra ineżistenti, u beħsiebu jesplora modi biex jinħoloq spazju għal PP-AP possibbli;

*Aġenziji deċentralizzati*

44. Jissottolinja r-rwol kruċjali li jaqdu l-aġenziji deċentralizzati fit-tfassil tal-politika tal-UE u huwa determinat li jevalwa l-ħtiġijiet baġitarji u tal-persunal tal-aġenziji kollha fuq bażi ta' każ b'każ, sabiex ikun żgurat li jkun hemm approprjazzjonijiet u persunal xierqa għall-aġenziji kollha u b'mod partikolari għal dawk li reċentement ikunu ngħataw kompiti ġodda jew qed jiffaċċjaw volum ta' xogħol akbar għall-istabbiliment ta' prijoritajiet politiċi jew għal raġunijiet oħra; huwa partikolarment determinat li jipprovdi lill-aġenziji fil-qasam tal-ġustizzja u l-intern bir-riżorsi meħtieġa biex jittrattaw l-isfidi migratorji attwali; jenfasizza għal darb'oħra l-oppożizzjoni tiegħu għar-riżerva ta' ridistribuzzjoni, u jistenna li tinstab soluzzjoni matul il-proċedura baġitarja biex jieqaf it-tnaqqis addizzjonali ta' persunal f'aġenziji deċentralizzati; itenni barra minn hekk l-intenzjoni tiegħu li juża l-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar l-aġenziji deċentralizzati biex tinstab bażi komuni bejn l-istituzzjonijiet dwar it-trattament ta' aġenziji f'termini baġitarji, anke fl-istennija għall-konċiljazzjoni dwar il-baġit 2016;

o

o o

45. Jappella sabiex isir sforz sostnut permezz tal-baġit biex jiġi previst taħriġ adegwat u tiġdid fil-ħiliet f'setturi b'nuqqas ta' ħaddiema u f'setturi ewlenin li għandhom potenzjal għoli ta' ħolqien ta' impjiegi, bħall-ekonomija ekoloġika, l-ekonomija ċirkolari u s-setturi tal-kura tas-saħħa u tal-ICT; jenfasizza li l-baġit 2016 għandu jipprovdi appoġġ adegwat għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u għal azzjonijiet li jkollhom l-għan li jeqirdu l-faqar u jagħtu s-setgħa lill-persuni li jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali; ifakkar li l-kwistjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi għandha tiġi inkorporata fil-politiki tal-UE u indirizzata fil-proċess baġitarju; iħeġġeġ sabiex jingħata appoġġ finanzjarju għall-programmi kollha li jappoġġjaw il-ħolqien tal-impjiegi u l-inklużjoni soċjali għal dawk bi żvantaġġi multipli, bħal persuni li ilhom qiegħda għal żmien twil, persuni b'diżabilità, persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, persuni mhux attivi u skoraġġuti;

46. Ifakkar li, bi programmi li mistennija jilħqu ritmu sħiħ, bl-integrazzjoni ta' inizjattivi ewlenin

ġodda fl-oqsma tal-investiment u l-migrazzjoni, bl-opportunità li jissolvew kwistjonijiet tal-passat bħal pagamenti u strumenti speċjali, u bl-ewwel attivazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġodda tal-QFP bħall-marġni globali għall-impenji, il-proċedura baġitarja tal-2016 se tkun każ ta' prova għall-approċċ tal-Kunsill għall-pjan ta' pagament kif ukoll għall-valutazzjoni tal-QFP attwali; ifakkar lill-Kummissjoni fl-obbligu legali tagħha li tippreżenta rieżami tal-funzjonament tal- QFP sal-aħħar tal-2016 u li mar-rieżami tal-baġit iżżid proposta leġiżlattiva għar-reviżjoni tar-Regolament Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020; ifakkar li, b'mod parallel ma' dan il-proċess, il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll inizjattivi ġodda għal Riżorsi Proprji, fuq il-bażi tar-riżultati tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji li mistennija li jiġu ppreżentati fl-2016;

47. Jirrikonoxxi l-kunsens wiesa' li mexxa l-kunsiderazzjoni tal-abbozz ta' baġits emendatorji 2015 kif ukoll in-negozjar tal-pjan ta' pagament sa issa, u b'hekk dehret rieda kondiviża għar-rispett tal-QFP, l-implimentazzjoni tal-bażijiet ġuridiċi nnegozjati b'attenzjoni u l-iżgurar tal-finanzjament tal-programmi ġodda; jitlob li jitkompla l-ispirtu ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u ż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja tal-UE, u jittama li dan fl-aħħar mill-aħħar se jwassal sabiex jiġu indirizzati l-kawżi fil-qalba tal-proċedura baġitarja li qed iwasslu għal żieda kbira fl-arretrati; jistenna li jsaltan l-istess spirtu fin-negozjati tal-baġit 2016 u biex jinstabu mezzi biex jiġu ffaċċjati sfidi emerġenti u mhux previsti futuri;

48. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## ANNESS I: DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR ID-DATI GĦALL-PROĊEDURA BAĠITARJA U MODALITAJIET GĦALL-FUNZJONAMENT TAL-KUMITAT TA' KONĊILJAZZJONI FL-2015

A. F'konformità mal-Parti A tal-Anness għall-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu dwar id-dati ewlenin li ġejjin għall-proċedura baġitarja tal-2016:

1. Se jissejjaħ trilogu fl-14 ta' Lulju qabel l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill;

2. Il-Kunsill se jagħmel ħiltu sabiex jadotta l-pożizzjoni tiegħu u jittrażmettiha lill-Parlament Ewropew sal-ġimgħa nru 38 (it-tielet ġimgħa ta' Settembru), sabiex jiġi ffaċilitat ftehim f'waqtu mal-Parlament Ewropew;

3. Il-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament Ewropew se jagħmel ħiltu biex jivvota dwar l-emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill sa mhux aktar tard mit-tmiem tal-ġimgħa 42 (f'nofs Ottubru);

4. Se jissejjaħ trilogu fid-19 ta' Ottubru qabel il-qari tal-Parlament Ewropew;

5. Il-Plenarja tal-Parlament Ewropew se tivvota dwar il-qari tagħha fil-ġimgħa 44 (Sessjoni plenarja tas-26 sad-29 ta' Ottubru);

6. Il-perjodu ta' konċiljazzjoni se jibda fid-29 ta' Ottubru. Bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' punt ċ tal-Artikolu 314(4) TFUE, iż-żmien disponibbli għall-konċiljazzjoni se jiskadi fit-18 ta' Novembru 2015;

7. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni se jiltaqa' fid-9 ta' Novembru, ospitat mill-Parlament Ewropew, u fit-13 ta' Novembru, ospitat mill-Kunsill u jista' jibqa' għaddej skont kif xieraq; is-sessjonijiet tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni se jitħejjew minn trilogu/i. Fil-11 ta' Novembru huwa ppjanat trilogu. Jista' jkun li jissejjaħ trilogu(i) addizzjonali matul il-perjodu ta' konċiljazzjoni ta' 21 jum.

B. Il-modalitajiet għall-funzjonament tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jinsabu fil-Parti E tal-anness għall-ftehim interistituzzjonali msemmi hawn fuq.

## ANNESS II: DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR PJAN TA' PAGAMENT 2015-2016

It-tliet istituzzjonijiet, filwaqt li bbażaw fuq dikjarazzjoni konġunta dwar pjan ta' pagament miftiehem f'Diċembru 2014 bħala parti mill-ftehim milħuq dwar il-baġit tal-2014 u tal-2015, ivvalutaw komunement l-istat attwali u l-prospetti għall-pagamenti fil-baġit tal-UE abbażi tad-dokument mibgħut mill-Kummissjoni fit-23 ta' Marzu 2015.

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu fuq dan li ġej:

**1. Is-sitwazzjoni attwali**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jieħdu nota tal-valutazzjoni bir-reqqa tal-Kummissjoni pprovduta fil-kaxxa "Elementi għal pjan ta' pagament sabiex il-baġit tal-UE jerġa' jaqbad triq sostenibbli" (fl-anness) bħala bażi analitika li tidentifika l-muturi ewlenin li wasslu sabiex kiber il-livell ta' talbiet pendenti għall-pagament fi tmiem is-sena, u biex jintlaħaq l-objettiv li jitnaqqas il-livell ta' kontijiet mhux imħallsa, b'enfasi partikolari fuq l-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni 2007-2013.

a) Ir-restrizzjoni fuq l-approprjazzjonijiet ta' pagament awtorizzati fil-baġits tal-passat flimkien maċ-ċiklu ta' implimentazzjoni tal-programmi ta' koeżjoni wasslu sabiex progressivament iffurmat akkumulazzjoni mhux sostenibbli ta' talbiet pendenti għall-pagament fi tmiem is-sena, li laħqet livell mingħajr preċedent ta' EUR 24.7 biljun fi tmiem l-2014. Madankollu, l-istituzzjonijiet jirrikonoxxu li d-deċiżjonijiet diffiċli rigward il-baġits tal-2014 u l-2015 fil-biċċa l-kbira stabbilizzaw l-arretrati.

b) Barra minn hekk, nuqqas ta' pagamenti wassal ukoll fi tnaqqis fir-ritmu tal-implimentazzjoni tal-programmi 2014-2020 f'intestaturi oħra, b'mod partikolari bil-għan li jiġu sodisfatti l-obbligi kuntrattwali li jirriżultaw minn impenji passati u b'hekk jiġi evitat ir-riskju ta' interessi fuq ħlas tard, fi żmien meta programmi ewlenin huma mistennija li jikkontribwixxu għat-tkabbir u l-impjiegi fl-Ewropa u biex jiġi żgurat ir-rwol tal-Unjoni fix-xena internazzjonali.

**2. Prospetti**

c) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jieħdu nota tal-prospetti għall-2015 u l-2016 ippreżentati mill-Kummissjoni: l-analiżi tindika li jista' jkun possibbli li titnaqqas l-akkumulazzjoni ta' talbiet pendenti għall-pagament fi tmiem is-sena għall-programmi ta' koeżjoni 2007-2013 għal livell ta' madwar EUR 2 biljun sal-aħħar tal-2016, filwaqt li jitqies, b'mod partikolari, li l-programmi ta' koeżjoni qed joqorbu l-istadju tal-għeluq, u dment li jkun hemm biżżejjed approprjazzjonijiet ta' pagament awtorizzati fil-baġit tal-2016. Dan għandu jgħin biex jiġu evitati riperkussjonijiet negattivi u dewmien mhux meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-2014-2020.

d) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jenfasizzaw l-impenn tagħhom lejn it-tneħħija gradwali tal-akkumulazzjoni mhux sostenibbli tat-talbiet pendenti għall-pagament għall-programmi ta' koeżjoni 2007-2013. Huma jintrabtu li jikkooperaw bis-sħiħ bil-ħsieb li jawtorizzaw livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fil-baġit tal-2016, fatt li jippermetti li jintlaħaq dan l-għan. Id-deliberazzjonijiet tagħhom se jqisu l-perspettiva ta' bħalissa, li għandha tiġi riflessa u rfinuta ulterjorment mill-Kummissjoni fl-estimi tagħha għall-Abbozz ta' Baġit 2016.

e) Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja mill-qrib l-iżvilupp tal-arretrati u, jekk ikun meħtieġ, se tipproponi miżuri xierqa biex tkun żgurata progressjoni ordnata tal-approprjazzjonijiet ta' pagament b'konsistenza mal-approprjazzjonijiet ta' impenn awtorizzati.

f) It-tliet istituzzjonijiet ifakkru fl-impenn li għandhom li jimmonitorjaw b'mod attiv l-istat tal-implimentazzjoni tal-pagamenti matul l-2015. Bħala parti mill-iskambju regolari ta' fehmiet tagħhom, huma jikkonfermaw ir-rieda li għandhom li jorganizzaw laqgħat interistituzzjonali ddedikati fis-26 ta' Mejju, l-14 ta' Lulju u d-19 ta' Ottubru, bil-ħsieb li jiġi żgurat proċess ta' bbaġitjar sostenibbli. F'dan ir-rigward, dawk il-laqgħat interistituzzjonali għandhom jindirizzaw ukoll il-previżjonijiet fuq żmien itwal dwar l-evoluzzjoni mistennija tal-pagamenti sa tmiem il-QFP attwali li għaliha l-Kummissjoni hija mitluba li tippreżenta, jekk ikun meħtieġ, xenarji alternattivi.

g) Sabiex jiffaċilitaw il-proċess ta' monitoraġġ dwar l-istat attwali tal-programmi tal-2007-2013, f'Lulju u Ottubru l-Kummissjoni se tipprovdi rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit, kemm meta mqabbel ma' tbassir ta' kull xahar għas-sena u mas-sena preċedenti s'issa, u kemm dwar l-evoluzzjoni tal-akkumulazzjoni ta' talbiet pendenti għall-pagament fis-subintestatura 1b.

| **Data tal-adozzjoni** | 1.6.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 20<br>–: 1<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Beatriz Becerra Basterrechea, Ignazio Corrao, Charles Goerens, Enrique Guerrero Salom, Heidi Hautala, Maria Heubuch, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Arne Lietz, Linda McAvan, Norbert Neuser, Maurice Ponga, Cristian Dan Preda, Elly Schlein, Pedro Silva Pereira, Davor Ivo Stier, Paavo Väyrynen, Bogdan Brunon Wenta, Anna Záborská |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Bernd Lucke, Louis-Joseph Manscour, Paul Rübig, Joachim Zeller |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Miguel Urbán Crespo, Dennis de Jong |

17.6.2015

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJIET SOĊJALI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-mandat għat-trilogu dwar l-abbozz ta' baġit 2016
(2015/2074(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Deirdre Clune

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-baġit 2016 għandu jkollu rwol ewlieni fil-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal tkabbir inklużiv u sostenibbli u l-impjiegi, speċjalment billi titties azzjoni effettiva kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-faqar, u b'hekk tiġi appoġġata l-kisba tal-prijoritajiet u l-miri tal-istrateġija Ewropa 2020; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza tar-reviżjoni ta' nofs it-term tal-istrateġija Ewropa 2020 sabiex jiġi żgurat li l-miri għall-impjiegi, il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali jkunu jistgħu jintlaħqu;

2. Jemmen bis-sħiħ li l-finanzjament tal-UE, b'mod partikolari dak taħt il-FSE, m'għandux jintuża biex jissussidja approċċi nazzjonali iżda biex jipprovdi appoġġ addizzjonali b'mod li jikkomplementa jew isaħħaħ il-programmi nazzjonali fl-Istati Membri;

3 Iħeġġeġ li jingħata appoġġ finanzjarju għall-programmi kollha li jappoġġaw il-ħolqien tal-impjiegi u l-inklużjoni soċjali għall-persuni bi żvantaġġi multipli, bħal dawk qiegħda għal żmien twil, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni li jagħmlu parti minn minoranza, u dawk inattivi u skoraġġuti;

4. Ifakkar li t-tkabbir inklużiv u sostenibbli huwa kruċjali għal żieda fl-impjiegi u fil-prosperità u li huwa neċessarju li l-fondi strutturali jiġu direzzjonati b'mod iktar effiċjenti u produttiv lejn il-promozzjoni tal-impjiegi u t-tkabbir sostenibbli; jenfasizza l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni biex jistimulaw it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi; jitlob li jiġi żgurat finanzjament adegwat għar-riċerka fil-qasam tax-xjenzi soċjali;

5. Jissottolinja l-importanza ta' finanzjament xieraq, ġestjoni baġitarja tajba u, fejn possibbli,

iżjed prefinanzjament tal-programmi fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020, li l-għan tagħhom huwa li jindirizzaw il-qgħad, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, bħall-Fond Soċjali Ewropew (FSE), l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), l-assi differenti tal-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD);

6. Jenfasizza li l-baġit 2016 għandu jipprovdi appoġġ adegwat għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u għal azzjonijiet li jkollhom l-għan li jeqirdu l-faqar u jagħtu s-setgħa lill-persuni li jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali;

7. Jinsisti li jiġu suġġeriti u implimentati miżuri adegwati sabiex tingħeleb l-akkumulazzjoni mingħajr preċedent ta' talbiet mhux imħallsa mill-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti;

8. Jenfasizza li l-baġit tal-UE għandu jappoġġa miżuri dwar it-taħriġ vokazzjonali u l-kwalifiki professjonali, l-apprendistati u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità li jaqblu mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;

9. Jissottolinja l-fatt li l-baġit 2016 għandu jappoġġa l-miżuri kollha li jippromwovu l-intraprenditorija fl-impriżi mikro, żgħar u medji, inklużi l-intraprenditorija soċjali u l-impriżi soċjali innovattivi u l-impjieg indipendenti, u jħeġġeġ il-parteċipazzjoni tan-nisa;

10. Jenfasizza li l-baġit 2016 għandu jippromwovi livell għoli ta' protezzjoni tal-ħaddiema u kultura ta' prevenzjoni fl-UE kollha u għandu jgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi l-ġodda għas-saħħa u sikurezza okkupazzjonali li jkomplu jitfaċċaw;

11. Jirrimarka li l-impriżi mikro, żgħar, u medji jimpjegaw il-maġġoranza tal-ħaddiema fl-UE u li waħda mill-problemi ewlenin fl-istabbiliment u l-funzjonament ta' tali impriżi hi l-kisba tal-finanzjament; jipproponi, għalhekk, li l-element mikrofinanzjarju jiġi estiż b'mod sostanzjali u li l-appoġġ ta' konsulenza relattiv jiġi żviluppat aktar u jiġi żgurat b'mod konsistenti; jipproponi li l-potenzjal ta' strumenti finanzjarji taħt il-FSE jkompli jiġi sfruttat bi trasparenza u responsabilità xierqa u li tingħata kunsiderazzjoni għat-tisħiħ tal-appoġġ tal-BEI għall-SMEs;

12. Jissottolinja li l-appoġġ għall-inklużjoni soċjali, speċjalment ta' persuna b'diżabilità u l-komunitajiet marġinalizzati huwa politika Ewropea ewlenija li tirrikjedi appoġġ estensiv mill-baġit; jenfasizza li apparti mill-FSE, id-dimensjoni soċjali għandha tkun aktar viżibbli fl-istrumenti l-oħra tal-Politika ta' Koeżjoni;

13. Jenfasizza li l-baġit tal-UE jeħtieġ jappoġġa sforzi favur il-promozzjoni tat-tlestija tas-suq uniku, il-kompetittività u l-konverġenza soċjali, l-iżvilupp ta' politika dwar impriżi soċjalment responsabbli, u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' standards soċjali statutorji mill-impriżi biex jiġi żgurat il-ħolqien ta' impjiegi diċenti sostenibbli bi protezzjoni adegwata tal-ħaddiema;

14. Jitlob li jsir sforz sostnut permezz tal-baġit biex jijiġu pprovduti taħriġ adegwat u tħarriġ mill-ġdid f'setturi b'nuqqas ta' ħaddiema u f'setturi ewlenin b'potenzjal għoli ta' ħolqien ta' impjiegi, bħall-ekonomija ekoloġika, l-ekonomiji ċirkolari, u s-setturi tal-kura tas-saħħa u tal-ICT;

15. Jenfasizza li l-promozzjoni ta’ kultura tal-intraprenditorija u l-appoġġ għall-imprendituri għandhom ikunu element ewlieni tal-politika baġitarja tal-UE;

16. Jitlob li l-Parlament jingħata aġġornamenti regolari u dettaljati dwar l-istadji varji fl-implimentazzjoni ta' proġetti pilota mill-Kummissjoni.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 16.6.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 40<br>–: 7<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Laura Agea, Guillaume Balas, Mara Bizzotto, Vilija Blinkevičiūtė, Enrique Calvet Chambon, David Casa, Jane Collins, Martina Dlabajová, Lampros Fountoulis, Elena Gentile, Marian Harkin, Danuta Jazłowiecka, Rina Ronja Kari, Jan Keller, Jean Lambert, Jérôme Lavrilleux, Patrick Le Hyaric, Verónica Lope Fontagné, Javi López, Thomas Mann, Dominique Martin, Anthea McIntyre, Elisabeth Morin-Chartier, Emilian Pavel, Georgi Pirinski, Terry Reintke, Sofia Ribeiro, Maria João Rodrigues, Anne Sander, Sven Schulze, Siôn Simon, Jutta Steinruck, Romana Tomc, Ulrike Trebesius, Marita Ulvskog, Renate Weber, Tatjana Ždanoka |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Georges Bach, Amjad Bashir, Heinz K. Becker, Deirdre Clune, Sergio Gutiérrez Prieto, Csaba Sógor, Helga Stevens, Neoklis Sylikiotis, Ivo Vajgl |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Josef Weidenholzer, Marco Zanni |

17.6.2015

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-Baġit 2016 – Mandat għat-Trilogu
(2015/2074(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Giovanni La Via

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-integrazzjoni tal-aspetti klimatiċi u tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi hija ta' importanza orizzontali fil-politiki tal-Unjoni kollha biex jintlaħqu l-għanijiet stipulati mill-istrateġija Ewropa 2020;

2. Jirrimarka l-importanza kbira għall-Unjoni Ewropea li tirkupra mill-kriżi; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-Istati Membri għandhom iqisu l-politiki ambjentali u li jirrispettaw il-klima wkoll bħala opportunità biex jippromwovu t-tkabbir u li, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni ambjentali u tal-proġetti ffinanzjati fl-ambitu ta' Orizzont 2020 se trawwem il-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi u tkabbir ekonomiku fost l-SMEs;

3. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li programmi iżgħar fil-qasam tal-ambjent, is-saħħa pubblika u s-sikurezza tal-ikel jeħtieġ li ma jiġux injorati meta mqabbla ma' dawk fl-attenzjoni pubblika u politika;

4. Jisħaq li t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju hija neċessità assoluta; jenfasizza li mhux biss għandu jkun hemm disponibbli fondi suffiċjenti biex jakkomodaw din it-tranżizzjoni, iżda li proġetti ffinanzjati Ewropej m'għandhomx ikollhom impatt negattiv fuq din it-tranżizzjoni;

5. Jenfasizza li l-baġit tal-UE għandu jirrifletti b'mod suffiċjenti l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli applikabbli b'mod universali li għandhom jiġu miftiehma fl-2015;

6. Jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza tas-saħħa bħala valur fiha nnifisha u bħala prerekwiżit għall-promozzjoni tat-tkabbir madwar l-UE kollha;

7. Jirrimarka li t-tielet sena tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2014-2020 se tkun importanti ħafna għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-programmi pluriennali ġodda (it-tielet programm pluriennali ta' azzjoni tal-UE fil-qasam tas-saħħa għall-perjodu 2014-2020, il-Programm LIFE għall-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima 2014-2020, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili 2014-2020) taħt ir-responsabbiltà ta' dan il-kumitat, peress li se jilħqu l-maturità tagħhom; jenfasizza, f'dan l-isfond, il-fatt li minħabba r-restrizzjonijiet ekonomiċi u baġitarji persistenti fil-livell nazzjonali, huwa essenzjali li jiġu pprovduti u ggarantiti fil-baġit tal-UE l-approprjazzjonijiet meħtieġa biex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tagħhom u l-valur miżjud Ewropew ta' dawn il-programmi l-ġodda;

8. Jenfasizza, għalhekk, li għall-2016 ir-riżorsi ta' dawn il-programmi għandhom tal-inqas jinżammu fil-livelli tal-baġit tal-UE preċedenti;

9. Jiġbed l-attenzjoni fuq it-theddid li qed jaffettwa ħafna ekosistemi tal-foresti; iqis li riżorsi finanzjarji xierqa jeħtieġu jkunu diretti, permezz ta' programmi u miżuri ta' appoġġ tal-UE, lejn l-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet ekoloġici u tas-saħħa tal-pjanti fil-foresti u miżuri ta' riabilitazzjoni, inkluża r-riforestazzjoni;

10. Jappella lill-Unjoni tieħu aktar responsabbiltà għall-ħarsien tar-riżorsi naturali fin-netwerk Natura 2000, speċjalment għal dak li jirrigwarda l-finanzjament tiegħu; jinnota d-diffikultajiet esperjenzati minn diversi Stati Membri fil-ġestjoni ta' żoni inklużi fin-Netwerk Natura 2000, minħabba n-nuqqas ta' strument finanzjarju speċifiku mmirat lejn il-ġestjoni taż-żoni inklużi f'dan in-Netwerk, li jikkomplementa l-inklużjoni ta' tħassib dwar il-bijodiversità fil-politika settorjali;

11. Jenfasizza, barra minn hekk, li l-Intestatura 3, għalkemm hi l-iżgħar intestatura fil-QFP f'termini ta' allokazzjoni finanzjarja, tkopri kwistjonijiet ta' tħassib kruċjali għaċ-ċittadini Ewropej bħal programmi ta' saħħa pubblika, protezzjoni tal-konsumatur u l-istrument tal-protezzjoni ċivili;

12. Jistieden lid-delegazzjoni tal-Parlament tenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa tal-linji baġitarji ddedikati għall-ambjent, it-tibdil fil-klima, is-saħħa pubblika u s-sikurezza tal-ikel minkejja d-daqs tagħhom f'termini baġitarji;

13. Jirrimarka li l-bidliet li jnaqqsu l-ipprogrammar baġitarju fir-rigward ta' dawn il-linji jeħtieġu jiġu rifjutati u li għandu jinstab bilanċ xieraq bejn l-approprjazzjonijiet ta' impenn u dawk ta' pagament sabiex dawn il-politiki jkunu jistgħu jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom;

14. Jenfasizza li, fid-dawl tal-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES), trid issir allokazzjoni finanzjarja sabiex tissodisfa l-kontribuzzjoni annwali tal-Unjoni għal Fond Fiduċjarju tas-CITES; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżommu r-rwol ewlieni tal-UE fil-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi billi jistabbilixxu u jiffinanzjaw programmi li jindirizzaw il-kaċċa illegali, it-traffikar u l-kummerċ illegali tal-organiżmi selvaġġi;

15. Jitlob għal finanzjament adegwat għat-Tieqa ta' Kriżijiet marbuta mal-Organiżmi Selvaġġi taħt l-inizjattiva tal-Biodiversity for Life (B4Life) sabiex tintensifika l-isforzi tal-UE kontra l-kaċċa illegali u t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi;

16. Ifakkar li l-aġenziji deċentralizzati li l-missjonijiet tagħhom jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kumitat ENVI (l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi) għandhom rwol ewlieni, u jenfasizza li l-kompiti tagħhom (li jirriżultaw minn leġiżlazzjoni, talbiet tal-Kummissjoni u inizjattivi oħra tal-UE) qed jiżdiedu b'mod kostanti, u li dawk l-aġenziji jridu jingħataw ir-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa biex jissodisfaw il-mandat tagħhom u jwettqu tali kompiti; f'dan l-isfond, jinnota bi tħassib li l-biċċa l-kbira ta' dawk l-aġenziji assorbew tnaqqis sinifikanti tal-persunal f'dawn l-aħħar snin u huwa saħansitra mistenni mill-Kummissjoni li jkomplu jnaqqsu l-forza tax-xogħol tagħhom;

17. Jirrimarka li dawn l-aġenziji jeħtieġu riżorsi xierqa u jirrikjedu biżżejjed flessibbiltà biex jassorbu ż-żidiet fix-xogħol mhux mistennija;

18. Din is-sena, bħal fil-passat, jappoġġa bis-sħiħ approċċ każ b'każ biex jivvaluta l-ħtiġijiet individwali tal-aġenziji deċentralizzati;

19. Jilqa', f'dan ir-rigward, ix-xogħol tal-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar ir-Riżorsi tal-Aġenziji Deċentralizzati dwar kwistjonijiet baġitarji u riżorsi umani, li ċertament ikkontribwixxa għal dan il-proċess b'konklużjonijiet siewja.

# RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 17.6.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 51<br>–: 10<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Pilar Ayuso, Zoltán Balczó, Lynn Boylan, Nessa Childers, Birgit Collin-Langen, Mireille D'Ornano, Seb Dance, Angélique Delahaye, Jørn Dohrmann, Stefan Eck, Bas Eickhout, Eleonora Evi, José Inácio Faria, Karl-Heinz Florenz, Iratxe García Pérez, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Jens Gieseke, Julie Girling, Sylvie Goddyn, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Anneli Jäätteenmäki, Jean-François Jalkh, Benedek Jávor, Karin Kadenbach, Kateřina Konečná, Giovanni La Via, Peter Liese, Norbert Lins, Susanne Melior, Miroslav Mikolášik, Massimo Paolucci, Piernicola Pedicini, Pavel Poc, Marcus Pretzell, Frédérique Ries, Annie Schreijer-Pierik, Renate Sommer, Dubravka Šuica, Tibor Szanyi, Glenis Willmott, Jadwiga Wiśniewska, Damiano Zoffoli |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Nikos Androulakis, Paul Brannen, Nicola Caputo, Mark Demesmaeker, Damian Drăghici, Fredrick Federley, Olle Ludvigsson, Anthea McIntyre, James Nicholson, Marit Paulsen, Morten Helveg Petersen, Gabriele Preuß, Bart Staes, Keith Taylor, Claude Turmes, Tom Vandenkendelaere |

16.6.2015

# OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-mandat għat-trilogu dwar l-abbozz ta' baġit 2016
(2015/2074(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Anneleen Van Bossuyt

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jemmen li l-baġit 2016 għandu jiffoka fuq inizjattivi li jikkontribwixxu għal tkabbir u impjiegi intelliġenti, innovattiv, sostenibbli u inklużiv madwar l-Unjoni u li l-programmi li jikkontribwixxu direttament għal dawn l-għanijiet għandhom jingħataw prijorità meta jittieħdu d-deċiżjonijiet baġitarji; jinsab imħasseb mit-tnaqqis sinifikanti fil-proċedura baġitarja ta’ qabel;

2. Jenfasizza li l-programm Orizzont 2020 u appoġġ ieħor tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni għandhom valur miżjud Ewropew ċar, b'mod partikolari billi jiffinanzjaw riċerka kollaborattiva dwar sfidi soċjetali kbar ħafna u billi joħolqu massa kritika għall-kisba ta' żviluppi xjentifiċi; jistenna li r-regoli ġew issimplifikati sabiex il-proċeduri jsiru inqas kumplessi għal min jirċievi l-appoġġ;

3. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jallokaw perċentwal akbar tal-PDG għar-riċerka, sabiex jilħqu l-objettiv li jinvestu 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-innovazzjoni kif stabbilit mill-Istrateġija Ewropa 2020, u jenfasizza li l-programmi tal-UE taħt l-Istrateġija Ewropa 2020 li huma effikaċi biex joħolqu t-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi m’għandhomx jitneħħew; u l-baġits tagħhom għandhom ikunu rispettati kif miftiehem skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (MFF);

4. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li l-fondi tal-programm qafas Orizzont 2020 jitqassmu b'mod iktar ugwali bejn l-Istati Membri u dwar il-fatt li bosta pajjiżi tal-koeżjoni huma kontributuri netti għall-programm qafas; jirrimarka li l-inizjattiva "Unjoni ta' Innovazzjoni" trid tinvolvi l-pajjiżi u r-reġjuni kollha u li ma jridx ikun hemm "distakk fl-innovazzjoni" bejn pajjiżi u reġjuni aktar innovattivi u l-bqija;

5. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal użu effiċjenti tal-baġit; jappella għal valutazzjoni dettaljata ta' kull linja baġitarja u għal verifika ex post aħjar tal-allokazzjonijiet tal-fondi;

6. Jikkonstata l-impatt konsiderevoli fuq il-baġit 2016 tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS); jemmen li l-finanzjament għal Orizzont 2020 u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) għandu jinżamm u bl-ebda mod ma għandu jiġu affettwat mill-finanzjament tal-EFSI u li l-Istati Membri għandhom jiġu pprovduti b'kull forma ta' assistenza li jeħtieġu sabiex jutilizzaw dawn ir-riżorsi;

7. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi pprovdut aktar appoġġ lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSMEs) u lil negozji li jkun għadhom jiftħu tiżdied il-produttività tagħhom fi ħdan ambjent kummerċjali stabbli fl-ekonomija Ewropea;

8. Jisħaq fuq il-fatt li l-impenji maqbula fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 għandhom jiġu ssodisfati kompletament; jesprimi tħassib rigward l-għadd inaċċettabbli u dejjem jikber ta' fatturi mhux imħallsa; jikkonstata li l-imgħax fuq pagamenti tard fl-2014 kiber b'aktar minn seba' darbiet iżjed mill-2012 'l hawn; jappella għal azzjoni immedjata biex jitnaqqas ix-xogħol b'lura fuq talbiet ta' pagament pendenti; ifakkar lilll-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iżommu f'moħħhom il-konnessjoni inevitabbli bejn l-impenji u l-approprjazzjonijiet meta jieħdu deċiżjonijiet dwar il-baġit tal-UE għall-2016;

9. Jisħaq li finanzjament għal investimenti, riċerka, żvilupp u innovazzjoni għandu jiffoka fuq oqsma li fihom l-akbar valur miżjud li jista' jinkiseb, bħal fit-titjib tal-effiċjenza tal-enerġija, l-ICT, l-għotjiet għal riċerka bażika u t-teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju kif ukoll it-teknoloġiji ta' enerġija rinnovabbli;

10. Jenfasizza li għandha tingħata prijorità akbar lill-partijiet tal-baġit allokati biex tiżdied is-sigurtà tal-provvista tal-Ewropa billi jiġi appoġġat l-użu ta' enerġija rinnovabbli u l-bini ta' netwerk ta' interkonnetturi tal-elettriku biex jiżgura fluss liberu ta' enerġija bejn l-Istati Membri, tkun żgurata l-kompatibbiltà tal-Istati Membri mal-grilji elettriċi Ewropej u tiġi appoġġata l-integrazzjoni fis-suq tal-enerġija tal-UE;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi r-riżorsi finanzjarji meħtieġa għal investiment f'infrastruttura tan-netwerks tal-broadband veloċi u ultraveloċi, anke billi tappoġġa l-bliet intelliġenti, li għandhom jinħolqu permezz ta' sħubijiet bejn l-awtoritajiet lokali u l-operaturi;

12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta ambizzjuża iżda realistika dwar l-ekonomija ċirkolari, li għandha tiġi riflessa fil-baġit 2016, b'mod partikolari biex tistimola r-riċerka u l-innovazzjoni;

13. Jisħaq li t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju hija neċessità assoluta; jenfasizza li mhux biss biżżejjed fondi għandhom isiru disponibbli biex jakkomodaw it-tranżizzjoni, iżda li l-proġetti ffinanzjati mill-Unjoni m'għandux ikollhom impatt negattiv fuqha;

14. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tesplora modi kif issostni strateġija ġdida għall-politika industrijali fil-qasam tal-industriji kreattivi u kulturali fl-Unjoni, pereżempju permezz ta' proġetti pilota fis-settur;

15. Jinsisti li l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) tiġi pprovduta b'riżorsi suffiċjenti biex tkun tista' twettaq il-kompiti addizzjonali u tissodisfa l-mandat mogħtija lilha mill-awtoritajiet leġiżlattivi tal-UE kif ukoll tinforza d-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-Integrità u t-Trasparenza tas-Swieq tal-Enerġija (REMIT); iwissi li jekk dan ma jsirx se jkun hemm impatt negattiv serju fuq il-fiduċja fil-kapaċità tal-istituzzjonijiet tal-UE li jissodisfaw ir-rwol tagħhom, fuq il-fiduċja tal-konsumaturi fis-suq tal-enerġija tal-Unjoni u fuq il-prezz tal-enerġija għall-konsumaturi; jemmen li dan għandu japplika wkoll fir-rigward tal-kompetenzi tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC);

16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-ikkompletar tas-suq uniku diġitali jinkludi l-aċċess u l-konnettività diġitali għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni u li fl-istrateġija tal-Kummissjoni jiġu allokati riżorsi biex jingħelbu l-periferiċità ġeografika u l-ostakli għall-aċċess fost il-gruppi żvantaġġati.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 16.6.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 48<br>–: 2<br>0: 6 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Zigmantas Balčytis, Bendt Bendtsen, Reinhard Bütikofer, Jerzy Buzek, Philippe De Backer, Christian Ehler, Fredrick Federley, Ashley Fox, Adam Gierek, Theresa Griffin, Marek Józef Gróbarczyk, András Gyürk, Roger Helmer, Eva Kaili, Barbara Kappel, Krišjānis Kariņš, Seán Kelly, Jeppe Kofod, Miapetra Kumpula-Natri, Janusz Lewandowski, Ernest Maragall, Edouard Martin, Nadine Morano, Dan Nica, Aldo Patriciello, Morten Helveg Petersen, Miroslav Poche, Miloslav Ransdorf, Michel Reimon, Herbert Reul, Paul Rübig, Algirdas Saudargas, Dario Tamburrano, Evžen Tošenovský, Miguel Urbán Crespo, Vladimir Urutchev, Kathleen Van Brempt, Martina Werner, Flavio Zanonato |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Michał Boni, Lefteris Christoforou, David Coburn, Miriam Dalli, João Ferreira, Gerben-Jan Gerbrandy, Françoise Grossetête, Constanze Krehl, Olle Ludvigsson, Svetoslav Hristov Malinov, Piernicola Pedicini, Sofia Sakorafa, Anne Sander, Maria Spyraki, Mihai Ţurcanu, Anneleen Van Bossuyt |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Bart Staes |

5.6.2015

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-mandat għat-trilogu dwar l-abbozz ta' baġit għall-2016
(2015/2074(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Ildikó Gáll-Pelcz

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li s-suq uniku jikkostitwixxi politika ta' qofol u qasam ta' prijorità għat-tkabbir ekonomiku; jinsab konvint li l-isforzi maħsuba biex jindirizzaw il-kriżi ekonomika fl-Unjoni għandhom jibnu fuq Suq Uniku aktar b'saħħtu**,** aktar integrat u unifikat, li jirrikjedi allokazzjonijiet baġitarji xierqa;

   Jemmen li politika għall-konsumatur b'finanzjament adegwat hija tal-akbar importanza għal kwalunkwe sforz biex tiżdied il-fiduċja tal-konsumaturi f'suq uniku aktar trasparenti; jappella, għalhekk, biex tingħata attenzjoni partikolari kemm sabiex tissaħħaħ is-sikurezza tal-konsumaturi u kemm sabiex id-drittijiet tal-konsumaturi jiġu aġġustati għat-tibdiliet soċjetali**,** teknoloġiċi u ekonomiċi;

3. Jenfasizza li pakkett bilanċjat jista' jagħti appoġġ effikaċi għall-funzjonament tal-unjoni doganali u għall-ġlieda kontra l-frodi, biex b'hekk jiggarantixxi kemm il-protezzjoni tal-konsumaturi kif ukoll il-kompetizzjoni ġusta bl-għan li jinkiseb irkupru finanzjarju fuq ir-riżorsi proprji; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa ta' finanzjament sħiħ tal-miżuri kollha relatati mal-Pjan ta' Azzjoni għad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali kif ukoll tar-riformi amministrattivi kollha tal-kontrolli doganali;

4. Ifakkar l-importanza li jiġi ffinanzjat il-"Forum tas-Suq Uniku"; jitlob lill-Kummissjoni twaqqaf bażi ġuridika fil-leġiżlazzjoni sekondarja bil-ħsieb li tiżgura l-kontinwazzjoni tal-Forum tas-Suq Uniku lil hinn mill-2016;

5. Iqis li l-Istati Membri għandhom jallokaw finanzjament xieraq għas-SOLVIT sabiex iċ-ċittadini u n-negozji kollha tal-UE jkun jista' jkollhom aċċess għal gwida dwar

kwistjonijiet bħat-twaqqif ta' negozju, il-kummerċ, is-servizzi, il-benefiċċji għall-familja, il-viża u d-drittijiet ta' residenza; jemmen li n-Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi għandu wkoll jingħata finanzjament xieraq sabiex ikun jista' jkompli għaddej bil-missjoni tiegħu li jeduka liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom bħala konsumaturi fl-Ewropa;

6. Jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ qawwi għall-programm COSME u n-Netwerk Enterprise Europe fl-2016, b'attenzjoni partikolari mogħtija lill-ostakoli li l-limitazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji tal-UE joħolqu għall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) kif ukoll dawk relatati mal-aċċess għas-swieq ġodda u għall-akkwist pubbliku; jemmen li l-Unjoni jeħtiġilha tagħti appoġġ ulterjuri lill-SMEs billi ttejjeb l-aċċess tagħhom għall-informazzjoni dwar l-opportunitajiet tas-suq uniku kemm barra mill-Istat Membru tagħhom stess kif ukoll lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni;

7. Iqis il-ħtieġa ta' sorsi ta' finanzjament ġodda għall-SMEs, b'mod partikolari finanzjament li jippermettilhom jieħdu sehem fi trade fairs f'diversi swieq terzi fejn ikunu jistgħu jippromwovu l-prodotti u s-servizzi nazzjonali tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa li jinħoloq fond dedikat għall-finanzjament tar-riċerka u x-xiri ta' tagħmir ta' teknoloġija avvanzata għall-SMEs;

8. Jenfasizza l-importanza tal-istandards għal impriżi kompetittivi u SMEs li għandhom rwol essenzjali fit-tmexxija tal-progress teknoloġiku tal-UE; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa ta' finanzjament adegwat li jsostni l-attivitajiet ta' standardizzazzjoni tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) u l-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjonijiet (ETSI);

9. Fid-dawl tal-adozzjoni tar-regolament dwar l-"e-Call", jappella sabiex l-Aġenzija tal-GNSS Ewropea tingħata finanzjament xieraq bl-għan li tkun tista' timplimenta r-regolament bis-sħiħ;

10. Jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament tal-faċilità multilingwi għall-pjattaforma tas-soluzzjonijiet online għat-tilwim (ODR); jemmen li sistemi tal-ODR madwar l-UE li jaħdmu tajjeb, minn naħa waħda se jħeġġu lill-konsumaturi jsibu soluzzjonijiet għal kwistjonijiet li jiltaqgħu magħhom meta jixtru prodotti u servizzi fis-suq uniku, u, min-naħa l-oħra, se jagħtu spinta lix-xiri online, speċjalment minn negozjanti fi Stati Membri oħrajn; iqis li ż-żieda fil-kummerċ elettroniku u transkonfinali fl-UE tfisser opportunitajiet ta' negozju ġodda u tkabbir ekonomiku aktar b'saħħtu.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 4.6.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 29<br>–: 0<br>0: 6 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Dita Charanzová, Carlos Coelho, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, Daniel Dalton, Nicola Danti, Pascal Durand, Evelyne Gebhardt, Maria Grapini, Robert Jarosław Iwaszkiewicz, Liisa Jaakonsaari, Antonio López-Istúriz White, Jiří Pospíšil, Marcus Pretzell, Robert Rochefort, Virginie Rozière, Christel Schaldemose, Olga Sehnalová, Ivan Štefanec, Catherine Stihler, Mylène Troszczynski, Mihai Ţurcanu, Anneleen Van Bossuyt, Marco Zullo |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Lucy Anderson, Pascal Arimont, Cristian-Silviu Buşoi, Birgit Collin-Langen, Filiz Hyusmenova, Jens Nilsson, Adam Szejnfeld, Marc Tarabella, Ulrike Trebesius, Ulla Tørnæs |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Andrey Kovatchev |

18.6.2015

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-mandat għat-trilogu dwar l-abbozz ta' baġit 2016
(2015/2074(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Maria Spyraki

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni tirrappreżenta l-politika ta' investiment ewlenija tal-UE fl-ekonomija reali u jfakkar fl-objettiv tal-politika, ibbażat fuq it-TFUE, li tnaqqas id-disparitajiet ta' bejn ir-reġjuni Ewropej billi ssaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; jissottolinja l-perspettiva fit-tul tiegħu, li timplika li l-eżiti jiġu prekondizzjonati permezz tal-għażla tal-prijoritajiet, l-applikazzjoni ta' qafas xieraq ta' prestazzjoni, kif ukoll ġestjoni soda u sistemi ta' kontroll effiċjenti; ifakkar li f'għadd ta' Stati Membri hija l-għajn essenzjali u prinċipali ta' finanzjament għall-investimenti li jiżviluppaw is-sinerġiji u qed ikollha effett multiplikanti fit-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi u l-iżvilupp sostenibbli; jinsab konxju li, bħala riżultat tal-kriżi finanzjarja, xi Stati Membri għadhom qed iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet biex jikkofinanzjaw ċerti proġetti, u għalhekk jitlob li jsir użu sħiħ tal-possibbiltajiet kollha pprovduti mill-qafas leġiżlattiv għall-Istati Membri li għandhom diffikultajiet baġitarji temporanji;

2. Jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni, li hija responsabbli għal kważi terz tal-baġit totali tal-UE, tipprovdi – permezz tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) – il-qafas xieraq biex jingħata kontribut biex jintlaħqu l-objettivi ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ tal-istrateġija Ewropa 2020; jirrimarka li r-rwol tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi huwa li jattira l-kapital privat, filwaqt li jipprovdi sors komplementari ta' finanzjament u jippermetti aktar sinerġiji bejn l-istrumenti differenti; ifakkar, f'dan ir-rigward, li r-rieżami tal-qafas finanzjarju pluriennali m'għandhux inaqqas il-pakketti nazzjonali allokati minn qabel;

3. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li d-dewmien fl-approvazzjoni tal-Programmi Operazzjonali 2014-2020 ħoloq il-ħtieġa li l-ABE Nru 2/2015 jiġi adottat u jinsab imħasseb dwar il-bidu kajman tal-implimentazzjoni tal-politika fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali;

jenfasizza, f’dan ir-rigward, li proporzjon sinifikanti ta’ impenji mhux użati tal-2014 se jiġu riallokati għall-2015, fatt li jitfa’ pressjoni fuq għadd ta' Stati Membri biex jikkuntrattaw u jassorbu l-allokazzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tħejji u timplimenta, flimkien mal-Istati Membri, pjanijiet ta’ azzjoni biex tiġi aċċelerata l-implimentazzjoni tal-fondi SIE, u tipproponi miżuri biex jiġi evitat, kemm jista’ jkun, id-diżimpenn ta’ fondi fl-2017 li jirriżulta minn dewmien fl-implimentazzjoni; jistieden lill-Istati Membri, f’dan ir-rigward, jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa ta' ġestjoni finanzjarja malajr kemm jista’ jkun sabiex jibdew jibagħtu t-talbiet għall-ħlas fil-ħin u biex jevitaw konċentrazzjoni ta’ talbiet għal pagamenti fis-snin li ġejjin;

4. Ifakkar li l-analiżi annwali tal-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-politika ta' koeżjoni għall-2016 tammonta għal aktar minn EUR 46 biljun (Anness VI tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni), u jenfasizza kemm hu imperattiv li tiġi żgurata koordinazzjoni bejn l-għejun kollha ta' finanzjament bil-ħsieb li jinħoloq valur miżjud u tingħata spinta lill-kompetittività fit-tul;

5. Jinsab serjament imħasseb dwar il-problema rikorrenti ta’ pagamenti pendenti, b’mod partikolari taħt il-politika ta’ koeżjoni (EUR 24,7 biljun fi tmiem l-2014[1]), fenomenu li mhuwiex sostenibbli f'dik li hi ġestjoni finanzjarja tajba u jpoġġi f’riskju l-implimentazzjoni tal-Fondi SIE; jenfasizza li hemm il-periklu li jiġi pperpetwat l-effett “valanga” ta’ akkumulazzjoni ta’ fatturi mhux imħallsa fi tmiem is-sena sakemm ma tinstabx soluzzjoni tanġibbli u sostenibbli għall-problema, malajr kemm jista’ jkun, permezz ta’ kooperazzjoni interistituzzjonali effettiva fi ħdan il-proċedura baġitarja; jenfasizza l-fatt li d-dewmien fil-pagamenti jaffettwa b’mod serju u negattiv l-implimentazzjoni u l-governanza ekonomika tajba, u b'hekk inaqqas il-kapaċità ta’ assorbiment u jipperikola l-effikaċja u l-effiċjenza tal-politika ta’ koeżjoni u l-baġit tal-UE b’mod ġenerali, u fl-aħħar mill-aħħar joħloq diffikultajiet prattiċi u jxekkel il-finanzjament tal-benefiċjarji;

6. Jinnota li d-dokument tal-Kummissjoni “Elementi għal pjan ta’ pagamenti sabiex il-baġit tal-UE jerġa' jaqbad triq sostenibbli” ippreżentat fil-Parlament fis-16 ta’ April 2015; jinnota b’mod partikolari li, skont il-previżjoni ippreżentata mill-Kummissjoni, l-akkumulazzjoni ta' talbiet għal pagamenti pendenti fi tmiem is-sena ta’ taħt l-Intestatura 1B għall-perijodu 2007-2013 jista’ jitnaqqas għal EUR 20 biljun fi tmiem l-2015 u għal livell sostenibbli ta’ EUR 2 biljun sa tmiem l-2016;

7. Jitlob li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament, mhux biss fuq indikaturi kwantitattivi bħalma huma r-RAL (“Restant à liquider”) u r-RAC (“Restant à contracter”), iżda wkoll fuq l-effiċjenza u l-effettività tal-approprjazzjonijiet tal-baġit minfuqa;

8. Jenfasizza l-ħtieġa li l-baġit tal-2016 jipprovdi r-riżorsi meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-impenji li diġà saru u biex jiġu implimentati l-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni għall-2016, u jenfasizza l-fatt li t-tnaqqis stmat tal-akkumulazzjoni ta' talbiet għal pagamenti u l-limitazzjoni tad-dewmien għall-minimu fir-rigward tal-pagamenti interim se jkunu possibbli biss jekk jiġi żgurat livell suffiċjenti ta’ approprjazzjonijiet ta’ pagament fil-baġit 2016; jitlob b'insistenza li l-pjan tal-pagamenti li ġie approvat uffiċjalment fi tmiem Mejju mill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni, skont id-dikjarazzjoni konġunta ta'

[1] Jinnota li d-dokument tal-Kummissjoni “Elementi għal pjan ta’ pagamenti sabiex il-baġit tal-UE jerġa' jaqbad triq sostenibbli” ippreżentat fil-Parlament fis-16 ta’ April 2015;

Diċembru 2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-qafas tal-ftehim li ntlaħaq fuq il-baġit tal-2014 u fuq dak tal-2015, jiġi implimentat mingħajr aktar dewmien; jistenna lill-Kummissjoni tagħti aktar dettalji mill-aktar fis possibbli dwar l-azzjonijiet konkreti li għandhom jittieħdu; itenni l-importanza li s-sitwazzjoni tiġi indirizzata b'mod adatt u effettiv, peress li l-akkumulazzjoni tal-pagamenti pendenti ddgħajjef il-kredibilità, l-effikaċja u s-sostenibbiltà tal-politika, minħabba l-impatti negattivi li akkumulazzjoni bħal dan għandha fuq il-baġits tal-Istati Membri;

9. Jenfasizza l-fatt li t-tliet pilastri ewlenin għall-irkupru u t-tkabbir ekonomiku tal-UE – l-għoti ta' spinta lill-investiment, l-aċċelerazzjoni tar-riformi strutturali u l-implimentazzjoni ta' konsolidazzjoni fiskali li tiffavorixxi t-tkabbir – li l-Kummissjoni Ewropea iddefinixxiet fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015, għandhom jissaħħu; jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi u taċċelera l-użu tal-Fondi SIE għal riformi strutturali u investimenti;

10. Jenfasizza l-fatt li għandu jsir progress viżibbli matul is-snin li ġejjin dwar ftehim dwar ir-riformar tas-sistema tar-riżorsi proprji għall-baġit tal-UE; jiġbed l-attenzjoni lejn ir-riskju li sa tmiem l-2019 ix-xejra tal-pagamenti mill-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti tista' terġa' titfaċċa u jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa mekkaniżmi ta' twissija bikrija fil-qafas tal-pjan tal-pagamenti sabiex tiġi evitata kemm jista' jkun kwalunkwe akkumulazzjoni ta' ħlasijiet pendenti.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 17.6.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 27<br>–: 3<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Pascal Arimont, José Blanco López, Franc Bogovič, Steeve Briois, Rosa D'Amato, Bill Etheridge, Michela Giuffrida, Ivan Jakovčić, Constanze Krehl, Martina Michels, Iskra Mihaylova, Andrey Novakov, Stanislav Polčák, Julia Reid, Terry Reintke, Monika Smolková, Maria Spyraki, Olaf Stuger, Ramón Luis Valcárcel Siso, Ángela Vallina, Monika Vana, Matthijs van Miltenburg, Lambert van Nistelrooij, Kerstin Westphal |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Petras Auštrevičius, Daniel Buda, Ivana Maletić, James Nicholson, Jan Olbrycht |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Edward Czesak, Jens Nilsson, Georgi Pirinski, Daniele Viotti |

1.6.2015

# OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-mandat għat-trilogu dwar l-Abbozz ta' Baġit 2016
(2015/2074(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Jean-Paul Denanot

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jirrimarka li l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali jwettqu ħafna objettivi ewlenin tal-UE, jikkontribwixxu għas-sikurezza tal-ikel għal popolazzjoni dinjija li qed tikber, u huma parti importanti mill-baġit ġenerali tal-UE għall- 2016; jitlob, minħabba li s-sehem tagħha tal-baġit globali naqas maż-żmien, li l-baġit tal-agrikoltura jiġi difiż b'mod qawwi u għall-inqas jibqa' fil-livell attwali tiegħu f'termini reali;

2. Jinnota t-tnaqqis fl-iffinanzjar għall-iżvilupp rurali taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) f'impenji u pagamenti tal-baġit tal-2015; jirrimarka li proġetti tal-FAEŻR – inklużi l-programmi LEADER – huma mutur importanti għall-iżvilupp rurali, peress li huma jwasslu benefiċċji usa' għall-UE inġenerali, b'mod partikolari billi jiġġeneraw it-tkabbir, il-valur miżjud u l-impjiegi, speċjalment fir-rigward tar-rwol li għandhom l-azjendi agrikoli żgħar u l-azjendi agrikoli tal-familja fil-ħolqien tal-impjiegi fiż-żoni rurali; jitlob li tingħata kunsiderazzjoni bir-reqqa lill-livell finali ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament fil-baġit tal-2016; jinsisti li għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jitħeġġeġ it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura u biex jingħata appoġġ lill-bdiewa żgħażagħ u l-innovazzjoni; jirrikonoxxi, f'dan ir-rigward, l-opportunitajiet li l-programm Erasmus għal Intraprendituri Żgħażagħ jista' joħloq għall-bdiewa żgħażagħ f'termini ta' ffaċilitar tat-trasferiment tal-għarfien, l-iskambju ta' informazzjoni u ta' esperjenza professjonali;

3. Jinnota d-dewmien minn xi Stati Membri biex jirratifikaw il-programmi operattivi tagħhom, b'xi wħud li għadhom ma għamlux dan sa tmiem l-ewwel kwart tal-2015; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jimplimentaw il-programmi operattivi tagħhom minnufih, sabiex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru operattivi fl-2016; iqis li l-adozzjoni tal-approprjazzjonijiet tal-baġit 2016 taħt il-ġestjoni konġunta tal-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom għalhekk jiżdiedu b'mod sinifikanti; jitlob għal approprjazzjonijiet ta'

impenn u ta' pagament tal-FAEŻR li għandhom jiġu pprovduti kif meħtieġ;

4. Jitlob li jiġi allokat finanzjament addizzjonali għas-settur tal-ħalib, sabiex jittaffa l-impatt tal-volatilità tal-prezzijiet li għaddejja fi ħdan is-settur, tal-abolizzjoni tas-sistema tal-kwoti u tal-embargo Russu; jitlob li jkun hemm finanzjament miżjud għall-organizzazzjoni u l-konsolidazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex, u jinsisti wkoll li xi sottosetturi agrikoli speċifiċi, bħal pereżempju t-trobbija tan-naħal, għandhom bżonn ta' aktar fondi; jenfasizza l-importanza ta' skemi għall-ħalib u l-frott fl-iskejjel, u jipproponi żieda fl-approprjazzjonijiet ta' EUR 20 miljun fis-sena għall-programm tal-ħalib, skont il-votazzjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura; jenfasizza l-ħtieġa għal appoġġ għall-biedja organika, u għal skemi ta' indikazzjoni ġeografika inklużi skemi ta' "speċjalità tradizzjonali garantita";

5. Jirrimarka li l-programmi tal-frott u l-ħalib fl-iskejjel mhumiex faċli għall-utent, parzjalment minħabba l-piż amministrattiv involut, u li l-aċċettazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom mhux qed jilħqu l-mira tal-ideal, li għalhekk qed jagħmluha neċessarja b'mod urġenti li jiġu ssimplifikati l-proċeduri burokratiċi li jġibu magħhom;

6. Jitlob għal finanzjament addizzjonali fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ biex ipaċi t-telf tal-bdiewa kkawżat mit-tifqigħa tal-Xylella fastidiosa, iżid il-miżuri ta' prevenzjoni fl-Ewropa, jiġġieled it-tixrid ta' din il-marda devastanti, jirristruttura s-settur, u jikkonsolida r-riċerka xjentifika tal-patoġeni u t-trasportatur tagħha;

7. Jitlob li d-dħul miksub mill-imposta speċjali fuq il-ħalib fl-2014 jintużaw biss biex jipproteġu s-settur, speċjalment fir-reġjuni l-aktar milquta mit-tneħħija tal-kwoti; għal dak il-għan, jitlob li jitwaqqaf fond ta' stabilità biex jipproteġi lill-bdiewa fir-reġjuni muntanjużi, l-inqas vantaġġjati u l-aktar imbiegħda, u għal dak il-fond biex jiġi attivat kull meta l-prezzijiet tal-produtturi jkunu inqas mill-ispejjeż tal-produzzjoni;

8. Jitlob lill-Kummissjoni biex tqis l-eżitu tal-istudju dwar l-impatt tat-tmiem tal-kwoti tal-ħalib u konsegwentement biex tipprovdi appoġġ adegwat għal tranżizzjoni lejn azjendi mħallta (laħam u ħalib);

9. Jinnota li f'pajjiżi li issa qed jiskopru l-pjaċiri relatati mal-inbid, il-produtturi Ewropej mhux qed jirnexxilhom jiżguraw pożizzjoni xierqa fis-suq; jirrimarka li l-Ewropa hija wkoll inkapaċi li ssib swieq għal-lagi tal-inbid li qed ifuru, li jobbligaw lill-UE tonfoq madwar EUR 500 miljun kull sena biex tarmi, taħżen u tiddistilla l-inbid żejjed; josserva li dawn il-flus jistgħu jintnefqu aħjar fuq l-ibbilanċjar mill-ġdid tas-suq, billi titjieb il-kwalità u jiġu promossi l-inbejjed Ewropej barra mill-UE;

10. Jitlob għal finanzjament addizzjonali li jippermetti lill-bdiewa Ewropej li jbiegħu l-prodotti tagħhom lokalment sabiex jiġi żgurat marġni ta' profitt ikbar;

11. Jinnota li, kif inhuma l-affarijiet bħalissa fl-Ewropa, l-innovazzjoni agrikola u t-tfassil tal-politika f'dan il-qasam juru għadd ta' nuqqasijiet evidenti; josserva li n-nuqqas ta' riżorsi huwa wieħed mill-problemi li għandhom jissolvew jekk l-innovazzjoni għandha tingħata spinta ġdida; iħeġġeġ, għalhekk, li jiġu allokati fondi addizzjonali għal miżuri li jinkoraġġixxu aktar innovazzjoni fis-settur tal-biedja, sabiex isir aktar kompetittiv u jnaqqas l-impatt ambjentali tiegħu;

12. Jitlob li jkun hemm fondi suffiċjenti disponibbli sabiex jiġu implimentati l-elementi kollha tar-riforma tal-PAK, inkluż fir-rigward tal-programmi tal-ekoloġizzazzjoni, tal-bijodiversità u tal-żvilupp rurali; jitlob lill-Kummissjoni biex tapprova malajr kemm jista' jkun ċertifikati ekwivalenti għal miżuri tal-ekoloġizzazzjoni meta jiġu ppreżentati mill-Istati Membri; jenfasizza li s-simplifikazzjoni tal-PAK u tnaqqis fil-piż amministrattiv impost fuq il-bdiewa u l-awtoritajiet nazzjonali hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat li jintnefaq il-baġit tal-agrikoltura b'mod effettiv u bil-għan li jitnaqqsu r-rati ta' żball għoljin fl-użu tal-fondi; jilqa', għalhekk, l-impenn li sar mill-Kummissjoni biex tinkludi s-simplifikazzjoni u s-sussidjarjetà fost l-objettivi prijoritarji tagħha għas-snin li ġejjin;

13. Jitlob b'insistenza li l-fondi allokati permezz tal-mekkaniżmu ta' dixxiplina finanzjarja għar-riżerva ta' kriżi fis-settur agrikolu tal-baġit tal-2016 u li jibqgħu mhux minfuqa isiru disponibbli bis-sħiħ bħala pagamenti diretti fis-sena baġitarja ta' wara; jitlob li l-marġnijiet kollha disponibbli taħt l-Intestatura 2 jiġu riżervati għas-settur agrikolu, b'mod partikolari minħabba l-embargo Russu li għadu għaddej, il-problemi tas-suq fis-settur tal-ħalib u r-riskji sinifikanti tas-saħħa fis-settur tal-pjanti u tal-annimali;

14. Jinnota li l-agrikoltura Ewropea qed issir dejjem aktar esposta għal kriżijiet f'dawn l-aħħar snin (l-embargo Russu, kriżi tal-ħalib, eċċ); iħeġġeġ, għalhekk, l-adozzjoni ta' approċċ ġdid fir-rigward tal-PAK u l-forniment ta' finanzjament ta' kontinġenza stabbli u riżorsi finanzjarji adegwati minħabba kriżijiet futuri, mingħajr preġudizzju għal pagamenti annwali diretti;

15. Jinnota li tneħħew fondi sinifikanti mis-settur tal-ħalib fl-aħħar sena tal-kwota bħala riżultat tal-implimentazzjoni tas- "super levy", u għalhekk jirrakkomanda li dan id-dħul jibqa' fi ħdan il-baġit tal-agrikoltura sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur tal-ħalib;

16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimmonitorjaw il-volatilità sinifikanti tal-prezzijiet tal-prodotti agrikoli u jtejbu f'ħin reali l-analiżi tas-swieq tas-setturi, pereżempju, billi jissaħħaħ l-Osservatorju tas-Suq tal-Ħalib fis-settur tal-prodotti tal-ħalib; jenfasizza li l-volatilità fil-prezzijiet tibqa' sfida kontinwa għal ċerti setturi u waħda li sseħħ aktar u aktar spiss f'suq aktar globalizzat u għandha effetti negattivi fuq l-introjti tal-bdiewa, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jirreaġixxu fil-pront u b'mod effikaċi meta jkun hemm bżonn, u b'hekk jippermettu b'mod dirett lill-bdiewa biex jiġġieldu l-volatilità fil-prezzijiet;

17. Ifakkar fid-diffikultajiet li ġew iffaċċjati fis-snin finanzjarji preċedenti li matulhom l-approprjazzjonijiet kienu tnaqqsu; jemmen li kwalunkwe tentattiv biex jitnaqqsu l-approprjazzjonijiet agrikoli jkun ineffettiv u saħansitra perikoluż, peress li dan iddgħajjef l-objettivi tal-PAK, u b'hekk lis-settur aktar vulnerabbli, u jdgħajjef b'mod sinifikanti l-isforzi biex tinżamm il-kompetittività tal-agrikoltura Ewropea;

18. Jenfasizza li l-kwota taz-zokkor tiskadi fl-aħħar tal-2016, u għalhekk jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tidentifika strumenti xierqa sabiex jiġu evitati l-iżbilanċi fis-suq;

19. Jenfasizza l-objettivi biex jiżdiedu l-kompetittività u s-sostenibilità tal-agrikoltura Ewropea, u jitlob li jsiru disponibbli r-riżorsi biex dawn l-objettivi jintlaħqu;

20. Jitlob li l-fondi allokati għar-riċerka fis-settur agroalimentari, b'mod partikolari mill-baġit ta' Orizzont 2020, jibqgħu kompletament disponibbli bħala tali bil-għan li tiġi stimulata l-

innovazzjoni fis-settur agrikolu;

21. Jenfasizza l-importanza ta' proġetti pilota għall-kumitat u għas-settur agrikolu, bħal pereżempju l-Osservatorju Ewropew ta' Monitoraġġ tal-Prezzijiet, sabiex tittejjeb il-komparabilità u t-trasparenza tal-prezzijiet fl-iffissar tal-prezzijiet tal-ikel, u jitlob għal appoġġ kontinwu; jipproponi, fl-istess ħin, it-tnedija ta' iktar proġetti pilota li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib tal-kummerċjalizzazzjoni u l-viżibilità tal-prodotti agrikoli Ewropej, bħal kampanji ta' promozzjoni ġodda biex isaħħu s-sensibilizzazzjoni fost it-tfal tal-iskola dwar l-iskemi ta' kwalità tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni biex iżżomm lill-Parlament u lill-Kunsill regolarment infurmati dwar l-użu ta' dan l-istrument u s-sejbiet rilevanti, filwaqt li jiġi żgurat li d-dettalji rilevanti jkunu wkoll disponibbli għall-pubbliku b'mod usa'; jenfasizza l-importanza ta' proġett pilota li fih huma investigati l-ostakoli għal negozji agrikoli li jirriżultaw mill-akkumulazzjoni ta' leġiżlazzjoni;

22. Jissottolinja l-iżbilanċi kontinwi fil-katina ta' provvista tal-ikel, fejn il-pożizzjoni tal-produtturi primarji hija konsiderevolment iktar dgħajfa minn dik ta' atturi oħra; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex jinċentiva l-ħolqien ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, b'mod partikolari fis-settur tal-ħalib, bħala wieħed minn diversi mezzi ta' indirizzar ta' prattiki kummerċjali inġusti, u biex issegwi mill-qrib il-prattiki ta' tassazzjoni eċċessiva fuq oġġetti tal-ikel, u biex tieħu azzjoni biex ittejjeb it-trasparenza tal-prezzijiet u l-marġnijiet, b'referenza partikolari għar-rwol tas-settur tal-bejgħ bl-imnut kif ukoll tal-pożizzjoni dgħajfa tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel; jenfasizza l-valur ta' proġett pilota f'dan il-qasam u jitlob għall-preżentazzjoni ta' proposta leġiżlattiva jekk ikun hemm bżonn;

23. Jitlob li l-pagamenti diretti fl-UE-28 jiġu allinjati bis-sħiħ malajr kemm jista' jkun.

# RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 28.5.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 26<br>–: 11<br>0: 5 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | John Stuart Agnew, Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, José Bové, Paul Brannen, Daniel Buda, Nicola Caputo, Viorica Dăncilă, Michel Dantin, Paolo De Castro, Albert Deß, Diane Dodds, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Edouard Ferrand, Luke Ming Flanagan, Beata Gosiewska, Martin Häusling, Anja Hazekamp, Esther Herranz García, Jan Huitema, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Elisabeth Köstinger, Philippe Loiseau, Mairead McGuinness, Giulia Moi, Ulrike Müller, James Nicholson, Maria Noichl, Laurenţiu Rebega, Jens Rohde, Bronis Ropė, Jordi Sebastià, Lidia Senra Rodríguez, Czesław Adam Siekierski, Janusz Wojciechowski, Marco Zullo |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Pilar Ayuso, Jørn Dohrmann, Norbert Lins, Momchil Nekov, Stanislav Polčák, Annie Schreijer-Pierik, Molly Scott Cato, Hannu Takkula, Valdemar Tomaševski |

18.6.2015

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SAJD

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-mandat għat-trilogu dwar l-abbozz ta' baġit 2016
(2015/2074(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Alain Cadec

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għas-snin 2014-2020 joffri marġini ta' manuvrar baġitarju limitat għall-intestatura 2 u b'mod partikolari l-finanzjament tal-politika komuni tas-sajd (PKS) u l-Politika Marittima Integrata (PMI);

2. Jirrimarka li baġit suffiċjenti huwa għodda essenzjali biex jintlaħqu l-objettivi ambizzjużi tal-PKS; jenfasizza li dak il-baġit huwa kkonċentrat fit-Taqsima III u fit-Titolu 11, "L-Affarijiet Marittimi u s-Sajd"; jirrimarka li l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) jikkonċentra l-essenzjali tal-baġit (11.06) mal-kontribuzzjonijiet obbligatorji lill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra u ftehimiet ta' sajd sostenibbli (11.03);

3. Jinnota li l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) għandha rwol fundamentali fil-koordinament u l-implimentazzjoni tal-PKS, li l-EFCA tista' twettaq dak ir-rwol biss jekk tingħata riżorsi tekniċi, ekonomiċi u finanzjarji biżżejjed u li dan għandu jkun rifless fil-baġit tagħha;

4. Jenfasizza l-importanza tad-dimensjoni soċjali u ekonomika tas-sajd u tal-ekonomija marittima għall-komunitajiet lokali u ċerti reġjuni marittimi u kostali; jesprimi t-tħassib tiegħu fir-rigward tat-telf ta' impjiegi f'dawn is-setturi u n-nuqqas għalkollox ta' ristrutturazzjonijiet li possibilment isiru; jitlob li l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ tiġi użata biex jiġu promossi l-impjiegi f'din l-industrija;

5. Jenfasizza li r-riżorsi tas-sajd joħolqu l-ħtieġa ta' ġestjoni adattata bil-għan li jkunu jistgħu jiġu protetti u rkuprati l-istokkijiet tal-ħut u l-ekosistemi tal-baħar, jiġi pprevenut it-telf

tal-bijodiversità, li inkella jkollu effett negattiv fuq il-ġenerazzjonijiet futuri u fuq dan is-settur tal-ekonomija nnifsu; jemmen li l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi jista' jaqdi rwol ewlieni f'dan ir-rigward;

6. Jenfasizza l-importanza fundamentali tal-finanzjament għall-ġbir tad-data, li hija importanti peress li tippermetti li jittieħdu deċiżjonijiet razzjonali dwar kwistjonijiet ta' politika dwar is-sajd;

7. Jenfasizza li, quddiem l-isfidi li toffri l-assigurazzjoni ta' sajd responsabbli, il-PKS kif ġiet riformata tipproponi qafas ġuridiku ambizzjuż li jeħtieġ li jiġi sostnut, kemm fid-dimensjoni regolamentarja tiegħu, iżda wkoll fid-dimensjoni baġitarja tiegħu;

8. Jinsab imħasseb dwar kemm huma kapaċi l-Istati Membri jimmobilizzaw bis-sħiħ il-FEMS biex tiġi żgurata strateġija ta' tkabbir li twieġeb għall-objettivi ta' Ewropa 2020 u tat-tkabbir blu; jieħu nota ta' kemm damu ċerti pajjiżi biex jivvalidaw il-programmi operazzjonali tagħhom, u li xi wħud minn dawn il-programmi kienu għadhom ma ġewx ivvalidati sa tmiem l-ewwel kwart tal-2015;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tiddelimita finanzjament għall-iżvilupp tal-ekonomija blu;

10. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod rapidu l-programmi operazzjonali bil-għan li dawn il-programmi jkunu operattivi għalkollox sal-2016; iqis li l-baġit 2016 għandu għalhekk ikun ikkaratterizzat minn aċċelerazzjoni sinifikanti tal-utilizzazzjoni tal-approprjazzjonijiet f'ġestjoni kondiviża; jitlob għaldaqstant li l-approprjazzjonijiet ta' impenn u dawk ta' pagament tal-FEMS ikunu xierqa u suffiċjenti;

11. Ifakkar fid-diffikultajiet li ġew iffaċċjati waqt is-snin finanzjarji preċedenti li matulhom l-approprjazzjonijiet kienu tnaqqsu; iqis li kull tentattiv ta' tnaqqis ta' approprjazzjonijiet taħt it-Titolu 11, u minnu l-FEMS b'mod partikolari, huwa bla sens u perikoluż għax ikun jikkomprometti l-objettivi tal-PKS, jitfa' piż fuq is-sostenibilità ta' settur fraġli u jdgħajjef b'mod konsiderevoli l-isforzi li twettqu għall-ħarsien u r-restawr tal-ħabitati tal-baħar;

12. Jirrimarka li l-PKS il-ġdida ftit snin biss ilha li ġiet implimentata, b'dak kollu li dan jimplika f'dik li hi bidla fil-paradigma fil-ġestjoni tas-sajd kemm għall-Istati Membri kif ukoll għas-sajjieda, bħal fil-każ tal-obbligu ta' ħatt l-art; jirrimarka li l-adattament għal dawn il-bidliet ġodda jitlob sforz addizzjonali mill-UE f'dawk li huma komunikazzjoni, taħriġ u investiment ekonomiku, sabiex tiżgura t-tixrid u l-assimilazzjoni koretta tagħhom;

13. Iffakkar fl-impatt baġitarju tal-ftehimiet tas-sajd sostenibbli kif ukoll fil-ħtieġa li jitqiesu l-prerogattivi tal-Parlament fil-materja bil-għan li jinżamm bilanċ globali bejn l-objettivi tal-imsemmija ftehimiet u l-effett tagħhom fuq il-baġit;

14. Se jkompli jżomm għajnejh fuq il-finanzjament tal-PMI u fuq l-iżvilupp tas-sinerġiji bejn is-sajd u l-attivitajiet marittimi l-oħra.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 17.6.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 20<br>–: 1<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Clara Eugenia Aguilera García, Renata Briano, Alain Cadec, Richard Corbett, Diane Dodds, Linnéa Engström, João Ferreira, Raymond Finch, Ian Hudghton, Carlos Iturgaiz, Werner Kuhn, António Marinho e Pinto, Gabriel Mato, Norica Nicolai, Ulrike Rodust, Remo Sernagiotto, Ricardo Serrão Santos, Isabelle Thomas, Peter van Dalen, Jarosław Wałęsa |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Izaskun Bilbao Barandica, José Blanco López, Marek Józef Gróbarczyk, Verónica Lope Fontagné, Francisco José Millán Mon |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Tim Aker |

17.6.2015

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-mandat għat-trilogu dwar l-abbozz ta' baġit għall-2016
(2015/2074(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Bogdan Andrzej Zdrojewski

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi hu mħasseb rigward l-impatt li se jkollu l-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS) fuq il-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni, peress li se jittieħdu EUR 500 miljun mill-programm Orizzont 2020 matul il-5 snin li ġejjin;

B. billi l-investimenti fl-edukazzjoni sekondarja u fl-edukazzjoni ogħla, fit-taħriġ vokazzjonali formali u informali u fir-riċerka għandhom ikunu fil-qalba tal-objettivi tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi, peress li huma elementi kruċjali biex ikun hemm inklużjoni soċjali mtejba u tkabbir ekonomiku sostenibbli u, fuq żmien twil, jipprovdu appoġġ għall-kompetittività;

C. billi jeħtieġ li s-setturi kulturali u kreattivi, kumplessivament, jingħataw prijorità fil-FEIS, peress li huma parti minn settur tal-ekonomija li għaddej minn perjodu ta' prosperità, jistgħu joħolqu l-impjiegi u opportunitajiet għal żvilupp ekonomiku u soċjali ulterjuri fl-Ewropa, dejjem sakemm l-investimenti neċessarji jkunu jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom;

D. billi l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) fl-2016 se jidħol fit-tielet sena tiegħu u se jkun hemm bżonn li, f'nofs it-terminu tiegħu, jiġi eżaminat mill-ġdid bħala mezz biex tintemm is-sitwazzjoni insostenibbli fejn programmi li jkunu diġà ġew approvati, u li għaldaqstant ikunu qed jiġu implimentati, jiġu kompromessi minħabba nuqqas ta' riżorsi u minħabba l-fatt li l-fondi ma jkunux tħallsu mill-Unjoni; jinsab partikolarment preokkupat li tista' tiżviluppa sitwazzjoni simili fil-kuntest tal-programmi l-ġodda u dwar il-fatt li, minħabba l-għadd kbir ta' ċittadini involuti direttament fi programmi ta' dan it-tip, b'mod partikolari l-programm Erasmus+, li din imbagħad kieku tikkawża telf perikoluż ta' kredibilità min-naħa tal-UE u ddgħajjef il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet tal-UE;

1. Ifakkar fl-importanza tal-programmi fil-qasam tal-edukazzjoni u l-kultura u l-ħtieġa li jiġu allokati biżżejjed approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għalihom biex jiġi żgurat li t-tali programmi jilħqu n-numru intenzjonat ta' benefiċjarji u għaldaqstant ikollhom l-impatt intenzjonat, filwaqt li l-attenzjoni tibqa' ffokata fuq it-trasparenza u waqt li jibqgħu jitqiesu l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità; itenni t-tħassib tiegħu rigward l-implimentazzjoni tal-programm Ewropa Kreattiva integrat b'segwitu għall-qsim amministrattiv tal-fergħat Kultura u MEDIA tal-programm u l-kwistjonijiet ta' bilanċ sussegwenti fir-rigward tal-politika u l-finanzjament;

2. Ifakkar ukoll li l-programmi Erasmus+ u Ewropa Kreattiva għandhom jinfetħu għal proġetti fuq skala iżgħar li jkunu kruċjali għall-kreattività, il-mobilità u l-innovazzjoni fl-Ewropa; jikkunsidra li, minn issa 'l quddiem, proġetti iżgħar fi ħdan Erasmus+ taħt l-Azzjoni Ewlenija 2 fl-iskejjel għandhom jiġu indirizzati b'mod speċjali peress li kien hemm tnaqqis kostanti fl-għadd ta' proġetti iżgħar magħżula f'dan il-qasam, u dan imur direttament kontra l-għanijiet tal-Unjoni f'termini tal-iżvilupp tal-edukazzjoni u l-mobilità fl-iskejjel; jikkunsidra, barra minn hekk, li għandha titqiegħed l-enfasi dovuta fuq proġetti iżgħar fil-programm Ewropa Kreattiva, peress li huma essenzjali għal karatteristika Ewropea distinta ħafna, li tippermetti li l-artisti u l-ħaddiema kulturali jiltaqgħu u jiżviluppaw laboratorji ta' ideat, prattiki u innovazzjoni;

3. Jisħaq fuq il-fatt li jeħtieġ li l-politika ta' komunikazzjoni tal-UE tittejjeb bħala kwistjoni ta' urġenza sabiex tkun tista' tidħol b'mod aktar effikaċi fi djalogu maċ-ċittadini, b'mod li jkunu jistgħu jisfruttaw kompletament id-dritt tagħhom li jkunu informati u involuti fit-tfassil tal-politiki tal-UE, kif ukoll sabiex tkun tista' tilħaq firxa ta' azzjoni aktar estensiva; jevidenzja, f'dan ir-rigward, ir-rwol pożittiv li jiżvolġu netwerks pan-Ewropej magħmula minn midja lokali u nazzjonali, bħal EuranetPlus; jappella lill-Kummissjoni biex terġa' tintroduċi finanzjament sostenibbli għal dawn in-netwerks;

4. Itenni l-importanza tal-kooperazzjoni u tad-diplomazija kulturali fir-relazzjonijiet mal-ġirien tal-UE; jappella, abbażi ta' dan, għal strateġija koerenti għall-appoġġ tal-mobilità taż-żgħażagħ, l-artisti, il-kreaturi u professjonisti oħra li jaħdmu fis-settur kulturali, fil-kuntest ta' proġetti edukattivi u kulturali konġunti li permezz tagħhom l-UE għandha tippromwovi l-kultura u l-valuri tagħha; jevidenzja l-importanza ta' proġetti mal-pajjiżi sħab, bl-użu tal-linji baġitarji taħt l-Intestatura IV;

5. Jisħaq fuq l-importanza tad-diversità kulturali u lingwistika fost l-Istati Membri u jappella lill-Kummissjoni biex tiżgura li din id-diversità tiġi salvagwardjata, imsaħħa u promossa;

6. Iħares b'dejjem aktar xettiċiżmu lejn ir-relazzjonijiet kuntrattwali mhux trasparenti tal-Kummissjoni fir-rigward tal-finanzjament ta' Euronews, speċjalment minħabba t-tiġdid reċenti tal-ftehimiet ta' sħubija rilevanti u l-parteċipazzjoni ta' investituri ġodda f'Euronews;

7. Jitlob lill-Kummissjoni biex, fil-qafas tal-FEIS, tikkunsidra kofinanzjament b'fondi mill-FEIS għal dawk il-proġetti li diġà qed jiġu ffinanzjati mill-fondi ta' koeżjoni fis-setturi tal-industriji kulturali u kreattivi, u li huma intenzjonati biex jissalvagwardjaw u jippromwovu l-wirt kulturali Ewropew, biex b'hekk tiġi żgurata l-addizzjonalità;

8. Jappella lill-Kummissjoni biex, bħala kwistjoni ta' urġenza, tirrevedi l-limitu attwali, li hu stabbilit għal EUR 5 miljun (EUR 10 miljun għas-siti tal-UNESCO), applikabbli taħt il-

Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-proġetti infrastrutturali fuq skala żgħira, u li jirriskja li jċekken l-ambitu għall-investiment fil-kultura, li hu ta' importanza vitali għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku fl-UE;

9. Jisħaq fuq il-livell attwalment għoli tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u jitlob li jittieħdu impenji baġitarji b'saħħithom biex tiġi indirizzata din il-problema, billi jissaħħu r-rabtiet bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, li jiżvolġu rwol importanti fir-reklutaġġ taż-żgħażagħ, u billi jiġi pprovdut taħriġ għall-impjegati u l-uffiċjali tal-amministrazzjonijiet lokali u nazzjonali, waqt li tingħata attenzjoni speċjali lir-reġjuni żvantaġġati.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 16.6.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 21<br>–: 2<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Dominique Bilde, Andrea Bocskor, Silvia Costa, Mircea Diaconu, Damian Drăghici, Jill Evans, Petra Kammerevert, Rikke Karlsson, Andrew Lewer, Svetoslav Hristov Malinov, Curzio Maltese, Fernando Maura Barandiarán, Luigi Morgano, Momchil Nekov, Michaela Šojdrová, Yana Toom, Helga Trüpel, Sabine Verheyen, Julie Ward, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver, Krystyna Łybacka |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Norbert Erdős, Mary Honeyball, Marc Joulaud, Ernest Maragall |

16.6.2015

# OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-mandat għat-trilogu għall-abbozz ta' baġit 2016
(2015/2074(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Barbara Matera

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu f'dikjarazzjoni konġunta f'Novembru 2013 li l-proċeduri annwali baġitarji applikati lill-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2014-2020 jintegraw kif xieraq elementi li jirrispondu għall-ġeneru;

B. billi l-istereotipi tas-sessi u d-differenza sostanzjali fil-pagi bejn is-sessi li għadha teżisti jistgħu jipprevjenu jew jiskoraġġixxu lin-nisa milli jibdew jew javvanzaw fil-karriera tagħhom, u jwasslu għal inugwaljanza, li min-naħa tagħha għandha impatt negattiv fuq l-ekonomija u implikazzjonijiet sinifikanti għall-ħolqien tal-impjiegi; billi l-aċċess għas-servizzi pubbliċi, li jibqa' settur importanti tal-impjiegi għan-nisa, hu kruċjali għall-għoti tas-setgħa lin-nisa u għall-indipendenza ekonomika tagħhom; jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tagħmel aktar biex tippromwovi l-edukazzjoni u t-taħriġ għan-nisa u l-bniet, speċifikament fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) – oqsma li fihom teżisti diskrepanza sinifikanti fil-ħiliet u li għandhom potenzjal kbir għal tkabbir futur; billi huwa stmat li se jkun hawn 7,7 miljun impjieg fl-oqsma STEM sal-2025 u madwar 825 000 kariga battala għal professjonisti tal-ICT sal-2020;

C. billi l-vjolenza fuq in-nisa tostakola l-ugwaljanza vera bejn in-nisa u l-irġiel; billi hemm nuqqas ta' data disponibbli u komparabbli fil-qasam tal-vjolenza kontra n-nisa fl-UE, iżda l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) jipprovdi aċċess għad-data u l-informazzjoni statistika eżistenti;

D. billi skont il-premessa 10 tar-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u

tal-Kunsill li jistabbilixxi Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-perjodu 2014 sa 2020 "huwa essenzjali li, fl-implimentazzjoni tal-Programm, l-isem 'Daphne' jinżamm f'rabta mal-objettiv speċifiku tal-prevenzjoni ta', u l-ġlieda kontra, il-vjolenza fuq it-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa, sabiex il-profil tal-programmi Daphne jinżamm jispikka kemm jista' jkun";

1. Itenni t-talba tiegħu biex l-ibbaġitjar li jqis id-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi jintuża b'mod konsistenti matul il-proċedura baġitarja kollha u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali, u biex in-nefqa baġitarja tintuża bħala għodda effettiva għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u, għal dak il-għan, jipproponi li jitwaqqaf grupp ta' ħidma estern biex tiżdied it-trasparenza tal-proċess baġitarju fir-rigward tal-ibbaġitjar li jqis id-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi;

2. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa hija prinċipju fundamentali tal-UE; ifakkar li l-kwistjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi għandha tiġi inkorporata fil-politiki kollha u indirizzata fil-livelli kollha tal-proċess baġitarju;

3. Jitlob l-adozzjoni tal-'ibbaġitjar li jqis id-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi' kemm fl-istrateġiji Ewropej u kemm f'dawk nazzjonali għall-promozzjoni aktar effettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu allokati aktar fondi għall-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza u diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet;

4. Jistieden lill-Kummissjoni talloka fondi għal programmi li jippromwovu u jappoġġjaw l-intraprenditorija tan-nisa u l-aċċess għall-mikrofinanzjament, l-aktar fil-qafas tal-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-SMEs (COSME), u mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI), kif ukoll il-fondi strutturali kollha u l-FEIS;

5. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu tal-fondi disponibbli taħt il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi, speċifikament fil-qasam tal-impjiegi, u dan mhux sempliċment billi jimplimentaw l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi iżda wkoll billi jipprovdu miżuri mmirati b'mod dirett għal gruppi ta' nisa żvantaġġjati, filwaqt li jqisu kif jixraq l-impatt tal-kriżi ekonomika, jinvestu f'servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja u, b'mod speċifiku, jiggarantixxu forniment adegwat ta' servizzi ta' kwalità għolja u bi prezzijiet aċċessibbli mil-lat finanzjarju għall-kura tat-tfal, tal-anzjani u ta' persuni dipendenti oħra, u jappella għal trasparenza baġitarja ġenwina fir-rigward tal-fondi (FSE, PROGRESS, DAPHNE) allokati għall-politiki tal-ugwaljanza bejn is-sessi;

6. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ffinanzjati kampanji edukattivi mmirati sabiex jiġġieldu l-istereotipi tas-sessi u jqajmu kuxjenza dwar id-drittijiet u l-opportunitajiet indaqs fil-qafas tal-programm Erasmus+;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi ċentru Ewropew ta' monitoraġġ dwar il-vjolenza sessista fi ħdan l-EIGE eżistenti, u għal dan il-għan iżżid il-forza tax-xogħol tal-Istitut b'persuna waħda; iqis li mill-bqija l-baġit tal-EIGE għandu jibqa' stabbli;

8. Itenni l-appelli preċedenti tiegħu sabiex il-programm Daphne jibqa' bħala intestatura separata fi ħdan il-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza;

9. Itenni t-talba tiegħu għal żvilupp ulterjuri ta' indikaturi u data speċifiċi għas-sessi, sabiex ikunu jistgħu jsiru valutazzjonijiet tal-baġit ġenerali tal-UE mill-perspettiva tas-sessi u jiġu mmonitorjati l-isforzi b'rabta mal-ibbaġitjar li jqis id-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi;

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 16.6.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 26<br>–: 4<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Daniela Aiuto, Beatriz Becerra Basterrechea, Malin Björk, Anna Maria Corazza Bildt, Viorica Dăncilă, Iratxe García Pérez, Anna Hedh, Elisabeth Köstinger, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Angelika Mlinar, Maria Noichl, Marijana Petir, Terry Reintke, Liliana Rodrigues, Jordi Sebastià, Michaela Šojdrová, Ernest Urtasun, Elissavet Vozemberg, Jadwiga Wiśniewska, Anna Záborská, Jana Žitňanská |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Inés Ayala Sender, Izaskun Bilbao Barandica, Biljana Borzan, Louise Bours, Stefan Eck, Ildikó Gáll-Pelcz, Clare Moody, Branislav Škripek, Dubravka Šuica, Marc Tarabella |

## ANNESS: ITTRA MILL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN

Kumitat għall-Affarijiet Barranin
*- Il-President -*

Kumitat għall-Affarijiet Barranin
*- Membru -*

Ref.: D(2015)26425

Is-Sur Jean Arthuis
President
Kumitat għall-Baġits

Sur President,

Billi din is-sena l-iskeda meħtieġa mill-preżentazzjoni tardiva tal-abbozz ta' baġit ma tippermettix għal opinjoni formali tal-kumitat, qed niktbulek f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin biex nipprovdu l-kontribut tagħna fil-forma ta' ittra. Nittamaw ħafna li l-Kumitat għall-Baġits se jkun jista' jikkunsidra l-fehmiet tagħna fir-rapport tiegħu dwar il-Mandat għat-Trilogu. Napprezzaw li l-kalendarju pragmatiku għall-proċedura baġitarja huwa soġġett għal negozjati interistituzzjonali iżda madankollu nħeġġuk biex tkompli tinsisti mal-Kummissjoni li l-preżentazzjoni tal-abbozz ta' baġit sseħħ iktar kmieni fis-sena biex tiżgura li opinjoni regolari tal-kumitat tkun tista' tiġi pprovduta mill-ġdid fis-snin futuri.

It-tħassib ewlieni tagħna jibqa' li l-baġit għandu jippermetti li l-UE jkollha r-rwol tagħha bħala attur globali. Il-baġit tal-UE għandu jirrifletti mill-qrib il-prijoritajiet globali tal-UE u jalloka fondi kif xieraq. F'dan ir-rigward, nilqgħu ż-żieda ta' 5,6 % f'approprjazzjoni ta' impenn fl-Intestatura 4, meta mqabbla mal-2015, li fl-aħħar bdiet tikkumpensa għat-tnaqqis kbir li sar fl-ewwel snin tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Madankollu meta nikkunsidraw il-klima politika fraġli fil-viċinat u lil hinn, nemmnu li huwa meħtieġ tisħiħ ulterjuri ta' ċerti oqsma ta' prijorità.

Nixtiequ nenfasizzaw ukoll li ż-żieda konsiderevoli ta' 28,5 % fl-approprjazzjonijiet ta' pagament fl-Intestatura 4, hija wkoll żvilupp estremament pożittiv li se jgħin itaffi n-nuqqas ta' approprjazzjonijiet ta' pagament li pperikola l-funzjonament xieraq ta' għadd ta' strumenti finanzjarji. Huwa assolutament essenzjali li din iż-żieda tinżamm fil-baġit finali. B'mod partikolari, l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi ilu jsofri severament fl-operazzjonijiet tiegħu. Barra minn hekk, meta jitqiesu l-konflitti li għaddejjin bħalissa u t-theddid emerġenti fir-reġjun tal-Mediterran, nemmnu bil-qawwa li l-approprjazzjonijiet ta' pagament proposti ta' EUR 82,4 miljun għandhom jiżdiedu aktar, sabiex jittrattaw b'mod xieraq id-dewmien fil-ħruġ ta' pagamenti u anki biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet li jistgħu jinqalgħu f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.

Li jkollna rwol responsabbli bħala atturi globali jfisser niżguraw li jiġi pprovdut appoġġ biżżejjed ibbażat fuq l-approċċ "aktar għal aktar" lill-pajjiżi fil-viċinat tagħna, li qed iħabbtu wiċċhom ma' sfidi enormi fl-oqsma ta' politika prinċipali kollha. Nilqgħu f'dan ir-rigward l-

enfasi politika li dan l-abbozz ta' baġit jqiegħed fuq l-iżviluppi fil-viċinat, kemm fil-Lvant kif ukoll fil-Mediterran. Madankollu nisħqu dwar il-ħtieġa li jiżdiedu aktar l-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-Istrument Ewropew ta' Viċinat, meta jitqies il-bżonn urġenti ta' azzjoni tal-UE fil-pajjiżi milquta. Id-deċiżjoni li jinqabeż l-ipprogrammar finanzjarju għall-2016 biex ir-reġjun Sirjan jingħata sostenn huwa pass importanti, li jissottolinja l-kobor tal-problemi li qed inħabbtu wiċċna magħhom iżda nisħqu wkoll dwar in-natura kritika tal-problemi li jaffettwaw il-Libja u l-ħtieġa li jkunu previsti azzjonijiet speċifiċi f'dan ir-rigward. Nixtiequ naraw ukoll azzjoni simili fil-Viċinat tal-Lvant, b'mod partikolari fl-Ukraina. Bl-istess mod nilqgħu ż-żieda fl-appoġġ għall-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem u nesprimu l-kunfidenza tagħna li l-baġit allokat għad-difiża attiva tad-drittijiet tal-bniedem se jkompli jikber. Nikkonstataw b'mod kritiku li, bħas-snin li għaddew, l-ammonti indikati fl-abbozz ta' baġit ma jissodisfawx il-ħtiġijiet reali ta' finanzjament għal ħafna programmi u nixtiequ nħeġġuk tixħet is-sisien biex dan jiġi rettifikat fil-baġit finali. F'dan ir-rigward nixtiequ nissottolinjaw li appoġġ konsistenti u miżjud għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, l-Awtorità Palestinjana u l-UNWRA huwa meħtieġ ħafna.

Nixtiequ ugwalment nilqgħu l-isforzi importanti mmirati biex isolvu l-problema ta' interruzzjonijiet esperjenzati fil-passat għall-għajnuna umanitarja permezz taż-żieda tal-approprjazzjonijiet ta' pagament. Madankollu, xorta rridu nissottolinjaw li l-kriżijiet umanitarji li għaddejjin bħalissa mad-dinja kollha jeħtieġu li dan l-istrument jissaħħaħ aktar.

Fir-rigward tal-baġit tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, nikkonstataw li l-kwistjoni li tkun ittrasferita l-linja baġitarja għar-Rappreżentanti Speċjali tal-UE mill-baġit tal-PESK lill-baġit tas-SEAE għadha mhijiex indirizzata. Filwaqt li n-neċessità ta' dan it-trasferiment ġie kkonstatat mir-rieżami tas-SEAE, kull tentattiv ta' implimentazzjoni issa safa mwaqqaf għal ammont konsiderevoli ta' żmien. Għadna nemmnu li politika barranija tal-UE integrata kif xieraq teħtieġ konsolidazzjoni tal-attivitajiet diplomatiċi tal-UE.

Napprezzaw ħafna jekk dawn is-suġġerimenti jiġu kkunsidrati fit-tħejjija tar-rapport.

Dejjem tiegħek,

Elmar Brok
(iffirmata)

Cristian Dan Preda
(iffirmata)

## ANNESS: ITTRA MILL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

MJ/cp
EXPO-COM-INTA D(2015)28724

Is-Sur José Manuel Fernandes
Rapporteur għall-Baġit 2016
Kumitat għall-Baġits

**Suġġett: Mandat għat-trilogu dwar l-abbozz ta' baġit 2016**

Bħala rapporteur tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (INTA) għall-baġit 2016, nixtieq ninfurmak dwar il-prijoritajiet tal-Kumitat INTA għall-baġit 2016, kif miftiehem mill-koordinaturi tal-Kumitat INTA fl-15 ta’ Ġunju 2015.

L-ewwel nett, l-INTA huwa tal-opinjoni li l-baġit tal-Unjoni Ewropea għandu jsostni b’mezzi finanzjarji biżżejjed il-fatt li l-Kummissjoni tiddefinixxi l-kummerċ bħala wieħed mill-ogħla prijoritajiet fil-programm ta’ ħidma tagħha. Il-kummerċ mhuwiex biss strument b’saħħtu għall-ħolqien tat-tkabbir u l-impjiegi fl-Ewropa iżda huwa wkoll strument importanti tal-politika barranija li jista' jappoġġa l-objettivi internazzjonali usa’ tal-UE, u b’hekk jippromwovi valuri Ewropej bħalma huma l-paċi, il-libertà u d-demokrazija madwar id-dinja. Il-kummerċ jista’ jkun strument li jgħin fit-titjib tal-istandards tax-xogħol, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, jeħtieġ li jiġu allokati biżżejjed riżorsi finanzjarji.

Sabiex tittratta l-isfidi kummerċjali li jirriżultaw mix-xenarju ġeopolitiku li qed jinbidel, il-politika kummerċjali komuni mistennija li saħansitra tissaħħaħ fil-futur. Biżżejjed riżorsi finanzjarji mill-baġit tal-Unjoni huma indispensabbli biex jippermettu strateġija politika kummerċjali u ta' investiment soda u biex jiżguraw li l-kummerċ jista’ jibqa’ strument effikaċi li jikkontribwixxi għall-impjiegi, it-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp sostenibbli.

Barra minn hekk, l-aġenda tal-UE dwar in-negozjati kummerċjali għadha ambizzjuża ħafna: it-TTIP, il-Ġappun, ftehim ta’ investiment maċ-Ċina, il-pajjiżi tal-ASEAN, il-pajjiżi tal-AKP, il-modernizzazzjoni ta’ ftehimiet ta’ assoċjazzjoni mal-Messiku u ċ-Ċili, il-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (TiSA), id-WTO eċċ. In-negozjati attwali u li ġejjin se jkomplu jirrikjedu ħafna riżorsi mis-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea, l-aktar mid-DĠ Kummerċ. Il-baġit għall-attivitajiet tal-kummerċ għandu għalhekk jiżdied biżżjjed sabiex l-UE tkun fil-qagħda li tinnegozja b’suċċess l-aġenda kummerċjali ambizzjuża tagħha.

Huwa ta' importanza fundamentali li l-ftehimiet kummerċjali tagħna jiġu ġestiti b'mod korrett. F’dan ir-rigward, il-Kumitat INTA jaqbel mal-fehma espressa mill-Qorti tal-Awdituri fir-Rapport Speċjali tagħha Nru 02/2014 intitolat “Il-ftehimiet kummerċjali preferenzjali huma ġestiti b’mod xieraq?” li huma meħtieġa aktar sforzi mill-Kummissjoni rigward il-monitoraġġ

tal-implimentazzjoni u l-effetti tal-ftehimiet kummerċjali li kkonkludiet. Bla dubju, l-UE jkollha x'tiggwadanja mill-allokazzjoni ta' riżorsi biżżejjed għal valutazzjonijiet *interim* u *ex post* tal-konformità ta' pajjiżi terzi mal-obbligi tagħhom lejn l-UE. Dawn il-valutazzjonijiet għandhom isiru parti prominenti mil-linji baġitarji marbuta ma' attivitajiet kummerċjali minħabba li huwa kruċjali li l-Kummissjoni tkun tista' turi li l-għażliet ta' politika deċiżi mill-koleġiżlaturi fil-fatt kisbu r-riżultati maħsuba.

Il-membri tal-INTA huma mħassbin li ċ-ċittadini tal-Unjoni jassoċjaw il-globalizzazzjoni mat-tnaqqis tal-produzzjoni Ewropea u t-telf ta' impjiegi. Sabiex terġa' tinkiseb il-fiduċja tal-ċittadini, il-Kummissjoni jeħtieġ li tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni aktar effikaċi dwar il-politika kummerċjali tal-Unjoni kif ukoll dwar il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-kummerċ internazzjonali.

F'dan il-kuntest nixtieqkom nissottolinjaw li għandu jsir użu sħiħ mill-fondi disponibbli kollha tal-UE biex jiġu moqdija l-interessi taċ-ċittadini u biex jappoġġaw il-ħolqien kontinwu ta' impjiegi ġodda ta' kwalità fi ħdan l-Unjoni.

Il-Kumitat INTA jinsisti li l-baġit 2016 għandu jirrifletti s-suċċess tad-9 Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. B'mod partikolari, għandhom jiġu allokati biżżejjed fondi lill-programmi neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Ftehim tal-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ minn pajjiżi li qed jiżviluppaw u minn dawk l-inqas żviluppati. Dan se jirrikjedi l-forniment ta' assistenza teknika u bini tal-kapaċità lis-sħab tad-WTO, prinċipalment permezz tal-Għajnuna għall-Kummerċ.

Minħabba l-isfidi ewlenin li l-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) qed taffronta, l-INTA jkompli jenfasizza li l-PEV għandha tiġi allokata biżżejjed riżorsi baġitarji sabiex ikun disponibbli appoġġ tekniku u assistenza adegwati relatati mal-kummerċ lis-sħab mill-qrib tagħna, speċjalment lil dawk fis-Sħubija tal-Lvant kif ukoll lill-pajjiżi li għaddew mir-Rebbiegħa Għarbija. Il-Kumitat INTA jinsisti li l-importanza tal-programm ta' assistenza makrofinanzjarja (MFA) teħtieġ tkun riflessa fil-baġit tal-Unjoni peress li l-programm wera li huwa strument utli ħafna biex jingħata appoġġ lis-sħab tagħna f'sitwazzjonijiet finanzjarji gravi ħafna. Nixtieqkom nfakkru li fil-15 ta' April 2015 il-Parlament Ewropew uffiċjalment adotta d-Deċiżjoni dwar it-tielet programm tal-MFA għall-Ukraina sa EUR 1,8 biljun. Il-pakkett ta' assistenza li kien ipprovdut lill-Ukraina wera li ċertu grad ta' flessibbiltà huwa fundamentali fil-kuntest tal-għoti ta' assistenza ekonomika u finanzjarja lil pajjiżi terzi, peress li kriżijiet ta' natura varja jistgħu jiżviluppaw malajr ħafna f'pajjiżi sħab tal-UE.

Fl-aħħar nett, huwa importanti li l-baġit tal-Unjoni jipprovdi finanzjament għal inizjattivi biex jiffaċilita l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs Ewropej. Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar, peress li huma biss madwar 13 % tal-SMEs Ewropej li bħalissa huma attivi lil hinn mill-UE. Sabiex tkun żgurata l-effiċjenza u l-effikaċja tal-infiq tal-UE fuq il-promozzjoni tal-internazzjonalizzazzjoni u l-kompetittività tal-SMEs Ewropej, il-membri tal-INTA jixtieqkom li l-Kummissjoni tevalwa u ttejjeb l-istrumenti eżistenti kif ukoll tiżgura biżżejjed kontrolli u sorveljanza tal-attivitajiet varji f'dan il-qasam.

Dejjem tiegħek,

Reimer BÖGE

## ANNESS: ITTRA MILL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

IPOL-COM-LIBE D (2015) 27747

Is-Sur Jean ARTHUIS
**President tal-Kumitat għall-Baġits**
WIC M02024
Strasburgu

Suġġett: ***Il-prijoritajiet tal-Kumitat LIBE għall-baġit 2016***

Sur Arthuis,

Fid-dawl tat-trilogu ta' Lulju u l-mandat tiegħek, nixtieq ninfurmak dwar il-prijoritajiet tal-Kumitat LIBE għall-baġit tal-2016.

Għall-Kumitat LIBE huwa ta' importanza kbira li għall-baġit tas-sena d-dieħla jinkiseb rispons adegwat f'termini baġitarji għall-isfidi umanitarji minħabba l-għadd dejjem jikber ta' wasliet u t-telf traġiku ta' ħajjiet, b'mod partikolari fir-rigward tas-sitwazzjoni fil-Mediterran.

L-abbozz ta' baġit għall-2016 jinkludi passi pożittivi fid-direzzjoni t-tajba. Il-mobilizzazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà u l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' rilokazzjoni temporanja għandhom jintlaqgħu tajjeb. Il-Kumitat LIBE jilqa' wkoll il-proposta għal żieda sostanzjali tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) fl-abbozz ta' baġit għall-2016 u, f'dan il-kuntest, il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jkunu disponibbli r-riżorsi adegwati għall-proposti kollha f'dan il-qasam. Il-Parlament saħaq b'mod konsistenti fuq il-ħtieġa li jsir dak kollu li hu possibbli biex jiġi evitat aktar telf ta' ħajjiet fil-baħar u sabiex jiġu pprovduti r-riżorsi meħtieġa bil-għan li jiġi żgurat li l-obbligi ta' tfittxija u salvataġġ jiġu ssodisfati b'mod effikaċi.

Il-biċċa l-kbira tal-gruppi fil-Kumitat LIBE jkomplu jilqgħu ż-żidiet proposti fil-baġit għall-Frontex u jappoġġaw il-proposta tal-Kummissjoni biex l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO), il-Frontex, l-Eurojust u l-Europol jiġu eżentati mill-grupp ta' riallokazzjoni. Il-Kumitat, madankollu, jiddeplora l-applikazzjoni ta' tnaqqis tal-baġit għall-EASO, minħabba riżorsi mhux minfuqa matul l-eżerċizzju baġitarju preċedenti, u jinsisti li l-EASO jingħata biżżejjed riżorsi biex iwettaq il-kompiti tiegħu, biex b'hekk l-Aġenzija tkun tista' tirreaġġixxi għal żieda fl-ammont ta' xogħol. Il-Kumitat jappella għal darb'oħra lill-Kummissjoni biex tikkunsidra mill-ġdid il-grupp ta' riallokazzjoni billi tevalwa aħjar ix-xogħol u l-kompiti ta' kull waħda mill-aġenziji. Il-Kumitat jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat finanzjament adegwat bil-għan li jkun hemm rispons għall-isfidi l-ġodda fl-oqsma tal-migrazzjoni u s-sigurtà interna.

Il-Kumitat jemmen li l-impatt baġitarju tal-miżuri ppreżentati bħala parti mill-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-uffiċċju Europol u l-kompiti relatati tiegħu fl-oqsma tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u ċ-ċiberkriminalità, għandhom jiġu spjegati u ddettaljati mill-Kummissjoni, b'tali mod li l-koleġiżlaturi jkunu infurmati aħjar dwar il-livell adegwat ta' riżorsi li għandu jiġi allokat għal dawn l-iskopijiet.

Barra minn hekk, il-Kumitat jitlob li jkun hemm monitoraġġ aħjar tal-istrumenti ta' finanzjament kif ukoll promozzjoni tal-istat tad-dritt u l-funzjonament tajjeb tas-sistemi ġudizzjarji. F'dan ir-rigward, huwa diżappuntanti l-fatt li l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ma ngħatat l-ebda żieda fil-baġit, minkejja r-rwol importanti li għandha fil-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali.

Fl-aħħar nett, il-Kumitat jappella lill-Kummissjoni biex tevalwa l-ħtiġijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) filwaqt li tqis iż-żieda fix-xogħol minħabba ż-żieda fin-numru ta' sustanzi psikoattivi ġodda.

Dejjem tiegħek,



Claude MORAES

## ANNESS: ITTRA MILL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET KOSTITUZZJONALI

Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali
*Il-President*

Ref.: D(2015)29275

Is-Sur Jean Arthuis
President tal-Kumitat għall-Baġits
Bini Altiero Spinelli
ASP 09G205
B-1047 Brussell

Suġġett: **Prijoritajiet tal-Kumitat AFCO għall-mandat għat-trilogu għall-Baġit 2016**

Sur President,

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali li nippresjedi huwa konxju dwar il-fatt li l-proċedura baġitarja ta' din is-sena nbdiet ftit iktar tard mis-soltu bil-preżentazzjoni tal-Abbozz ta' Baġit 2016 mill-Kummissjoni fis-27 ta' Mejju 2015. Peress li din l-iskadenza tirriżulta f'kalendarju strett ħafna għall-adozzjoni tar-Rapport tiegħu dwar il-Mandat għat-Trilogu għall-Baġit 2016, fil-laqgħa tagħhom tas-26 ta' Frar 2015 il-Koordinaturi tal-AFCO qablu li jippreparaw il-kontribut tagħna għal dan l-abbozz ta' rapport fil-forma ta' ittra li tniżżel il-prijoritajiet tal-AFCO għall-baġit tas-sena d-dieħla.

Għalhekk, il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jixtieq jiġbed l-attenzjoni tiegħek lejn l-oqsma ta' prijorità li ġejjin li jistħoqqilhom li jiġu indirizzati fin-negozjati baġitarji ta' din is-sena:

- F'seduta ta' smigħ li saret iktar kmieni din is-sena dwar l-implimentazzjoni s'issa tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, tgħallimna dwar l-ostakoli li jħabbtu wiċċhom magħhom iċ-ċittadini Ewropej fl-eżerċitar tad-dritt tagħhom li jniedu tali inizjattiva. Peress li dan l-istrument ġdid qed jirranka u nixtiequ narawh jitjieb għall-benefiċċju taċ-ċittadini, l-AFCO jixtieq jara dan il-programm, kif ukoll l-istrateġija ta' komunikazzjoni marbuta, mgħammar bil-fondi adegwati biex jilħaq l-objettivi tiegħu, u jkun iktar viżibbli permezz tad-dispożizzjoni ta' sottolinja speċifika għalih;

- Barra minn hekk, l-AFCO huwa kuntent li l-Kummissjoni pproponiet żieda fil-finanzjament għall-programm "Ewropa għaċ-ċittadini" u għall-komunikazzjoni, peress li dawn l-istrumenti huma kruċjali għat-tisħiħ tal-proċessi ta' demokrazija parteċipatorji fl-UE u għall-bini tal-fiduċja taċ-ċittadini u l-fehim għall-politiki u l-politika Ewropej;

- F'dak li jikkonċerna l-baġit tal-Parlament, għandu jiġi żgurat finanzjament suffiċjenti għall-

programmi ta' komunikazzjoni li jippromwovu l-interazzjoni maċ-ċittadini u jinfurmawhom dwar l-attivitajiet tal-Parlament, kif ukoll it-tisħiħ tal-miżuri ta' skambju ta' informazzjoni mal-parlamenti nazzjonali.

Jien ninsab fiduċjuża li l-Kumitat għall-Baġit se jikkunsidra s-suġġerimenti tagħna meta jipprepara l-Mandat għat-Trilogu għall-Baġit 2016.

Dejjem tiegħek,

Danuta Hübner

CC: José Manuel Fernandes, Rapporteur BUDG għall-Baġit 2016 - Taqsima III Kummissjoni
Gérard Deprez, Rapporteur BUDG għall-Baġit 2016 - Taqsimiet Oħra

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 23.6.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 29<br>–: 4<br>0: 4 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Nedzhmi Ali, Jonathan Arnott, Jean Arthuis, Richard Ashworth, Reimer Böge, Lefteris Christoforou, Jean-Paul Denanot, Gérard Deprez, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Ingeborg Gräßle, Iris Hoffmann, Monika Hohlmeier, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Ernest Maragall, Sophie Montel, Siegfried Mureşan, Liadh Ní Riada, Jan Olbrycht, Younous Omarjee, Paul Rübig, Patricija Šulin, Eleftherios Synadinos, Paul Tang, Isabelle Thomas, Monika Vana, Daniele Viotti |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Janusz Lewandowski, Ivan Štefanec, Nils Torvalds, Derek Vaughan, Tomáš Zdechovský |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Tiziana Beghin, Marco Zullo |